



Brussell, 7 ta' Lulju 2021  
(OR. en)

**10631/21**

**RC 31**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 7 ta' Lulju 2021

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2021) 373 final

Suġġett: RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI **Rapport tal-2020 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni**

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 373 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 373 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.7.2021  
COM(2021) 373 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport tal-2020 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni**

{SWD(2021) 177 final}

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Rapport tal-2020 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni

### 1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport huwa l-ewwel rendikont tal-iżviluppi fil-politika tal-kompetizzjoni taħt il-Kummissjoni mmexxija mill-President von der Leyen<sup>1</sup>. Filwaqt li jkopri l-iżviluppi fil-politika tal-kompetizzjoni tal-UE fl-2020, huwa wkoll il-50 rapport indirizzat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Il-leġittimità tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE hija msejsa fuq it-Trattati li inkarigaw lill-Unjoni b'kompetenza eskuživa f'dan il-qasam bħala għodda neċessarja sabiex tappoġġa l-funzjonament tas-suq intern<sup>2</sup>. Għal aktar minn 60 sena, l-infurzar tal-kompetizzjoni fl-UE ngħata importanza kbira sabiex tiġi ppreservata u titrawwem l-ekonomija Ewropea bbażata fuq valuri Ewropej bħall-ġustizzja, l-istat tad-dritt u l-fiduċja. Il-politika tal-kompetizzjoni tevolvi wkoll flimkien ma' tibdiliet soċjetali, ekonomiċi u regolatorji. Illum – meta l-UE qed tiffaċċja waħda mill-akbar kriżijiet fl-istorja tagħha – politika tal-kompetizzjoni robusta fl-UE hija aktar importanti minn qatt qabel sabiex tikkontribwixxi għad-dinamiżmu ekonomiku, essenzjali għal irkupru aktar rapidu.

Matul l-ewwel sena tal-Kummissjoni von der Leyen, il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE kellha rwol importanti fl-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tirrispondi għall-kriżi tas-saħħha u ekonomika kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19 u tegħlibha. Il-politika tal-kompetizzjoni kienet ukoll ta' importanza kbira sabiex tīgi ffaċilitata t-triq lejn l-irkupru filwaqt li jitqiesu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija tal-UE. F'konformità mal-ittra ta' missjoni indirizzata mill-President von der Leyen lill-Viċi President Eżekuttiv Vestager<sup>3</sup>, il-Kummissjoni kompliet tiżgura li r-regoli tal-kompetizzjoni jibqgħu adattati għall-ekonomija moderna, infurzati bis-saħħha u jikkontribwixxu għal industrija Ewropea b'saħħitha, kemm fl-UE kif ukoll fix-xena globali.

Fl-2020, is-sett ta' għodod tal-politika tal-kompetizzjoni wera li kien rilevanti, agħi u aġġustabbi malajr għaż-ċirkostanzi eċċeżżjonali tal-criċċi tas-saħħha u ekonomika. Billi indirizzat u aġġustat malajr, il-politika tal-kompetizzjoni tal-Kummissjoni għenet sabiex jiġi ssodisfati l-ħtiġijet tal-industrija u taċ-ċittadini tal-UE filwaqt li żammet is-swieq kompetitivi. Dan sar partikolarment prominenti f'serje ta' azzjonijiet li ppermettew appoġġ rapidu minn sorsi pubbliċi jgħaddi għall-ekonomija reali jew kienu parti mill-agħda politika

<sup>1</sup> Il-Linji Gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss – Unjoni li tirsisti għal aktar – L-ġenda tiegħi għall-Ewropa, 2019-2024 mill-kandidat għall-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen, ara: [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/political-guidelines-next-commission\\_mt\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/political-guidelines-next-commission_mt_0.pdf).

<sup>2</sup> L-Artikolu 3 tat-TFUE.

<sup>3</sup> L-ittra ta' missjoni lill-Viċi President Eżekuttiv Vestager, 1.12.2019. Ara:

[https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/comm-cwt2019/files/commissioner\\_letters/mission-letter-margrethe-vestager\\_2019\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/comm-cwt2019/files/commissioner_letters/mission-letter-margrethe-vestager_2019_en.pdf).

usa' mmirata lejn ir-restawr tat-tkabbir sostenibbli, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tas-suq.

Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni stabbiliet fil-Komunikazzjoni tagħha dwar rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19<sup>4</sup> id-diversi opzjonijiet disponibbli għall-Istat Membri lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tal-UE tal-għajnuna mill-Istat u li huma jistgħu jdaħħlu fis-seħħ mingħajr l-involviment tal-Kummissjoni. Dawn kienu jinkludu miżuri applikabbi għall-impriżi kollha fir-rigward tas-sussidji tal-pagi, tas-sospensjoni tal-pagamenti ta' taxxi korporattivi u ta' taxxi fuq il-valur miżjud jew ta' kontribuzzjonijiet tal-assistenza soċċali, jew ta' appoġġ finanzjarju dirett lill-konsumaturi b'rabta ma' servizzi kkanċellati jew biljetti mhux rimborżati mill-operaturi kkonċernati.

Fid-19 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat **Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat** sabiex tappoġġa l-ekonomija u rrevedietu diversi drabi hekk kif issoktat il-krīzi tal-COVID-19<sup>5</sup>. Barra minn hekk, fit-8 ta' April 2020, il-Kummissjoni adottat **Komunikazzjoni dwar Qafas Temporanju** li tistabbilixxi l-kriterji ewlenin li l-Kummissjoni se ssegwi meta tivaluta proġetti ta' kooperazzjoni mmirati sabiex jindirizzaw nuqqas ta' provvista ta' prodotti u ta' servizzi essenzjali matul it-tifqigħa tal-Coronavirus<sup>6</sup>. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni stabbiliet numru ta' miżuri sabiex tiżgura l-kontinwità tal-operat u kompliet tiżgura l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-fużjonijiet, sabiex tevita tkabbir fis-saħħa fis-suq miksub bis-saħħha tal-krīzi.

Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-kompetizzjoni jibqgħu validi għall-iskop tagħhom u jkunu jistgħu jindirizzaw bis-sħiħ sfidi bħal problemi strutturali fis-swieq diġitali u sussidji barranin li jfixxlu l-kompetizzjoni fis-swieq tal-UE, il-Kummissjoni ħadet inizjattivi ta' politika kbar fl-2020. Pereżempju, ressjet proposta għal Att dwar is-Swieq Diġitali u ppubblikat **White Paper dwar is-sussidji barranin**, sabiex tagħti bidu għar-riflessjoni dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-effetti distortivi fuq is-Suq Intern li jista' jkollhom is-sussidji barranin.

Il-Kummissjoni wriet ir-rieda tagħha li tuża l-politika tal-kompetizzjoni sabiex tikkontribwx xi għat-thejjja tal-implimentazzjoni tal-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**<sup>7</sup>. Il-Kummissjoni għenet lill-Istat Membri sabiex iħejju Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż mill-perspektiva tal-politika tal-kompetizzjoni, u ppubblikat numru ta' mudelli ta' gwida sabiex tgħin lill-Istat Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-Irkupru

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investiment, u lill-Grupp tal-Euro: Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19, COM(2020) 112 final.

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1), kif emendat bil-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni C(2020) 2215 (ĠU C 112I, 4.4.2020, p. 1), C(2020) 3156 (ĠU C 164, 13.5.2020, p. 3), C(2020) 4509 (ĠU C 218, 2.7.2020, p. 3), C(2020) 7127 (ĠU C 340I, 13.10.2020, p. 1) u C(2021) 564 (ĠU C 34, 1.2.2021, p. 6).

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Qafas Temporanju għall-valutazzjoni ta' kwistjonijiet dwar l-antitrust relatati mal-kooperazzjoni kummerċjali b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' urġenza li jirriżultaw mit-tifqigħa attwali tal-COVID-19, ĠU C 116, 8.4.2020, p. 7.

<sup>7</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, COM(2020) 408 final, 28.5.2020.

u għar-Reżiljenza bl-għan li jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mar-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Filwaqt li indirizza l-isfidi immedjati li jirriżultaw mill-pandemja, l-infurzar tal-kompetizzjoni mill-UE fl-2020 ikkontribwixxa ġħall-objettivi fit-tul tal-Kummissjoni 2019-2024 bħal “Ewropa Lesta għall-Era Diġitali”, “[Patt Ekoloġiku Ewropew](#)”, u “[Ekonomija għas-servizz tan-nies](#)”. Il-proposta tal-Kummissjoni ġħall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 inkludiet bidla importanti bl-inklużjoni ta’ komponent dedikat ġħall-politika tal-kompetizzjoni fi ħdan [il-Programm tas-Suq Uniku](#). Dan se jipprovdi finanzjament stabbi ġħal miżuri li jsaħħu l-kapaċċità ta’ infurzar tal-Kummissjoni, pereżempju l-iżvilupp ta’ intelligence avvanzata u ta’ metodoloġji investigattivi. Il-finanzjament se jippermetti wkoll lill-Kummissjoni ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE u fi bnadi oħrajn<sup>8</sup>.

## 2. Il-Politika tal-kompetizzjoni tal-UE mmobilizzat ruħha sabiex ittaffī l-impatt tal-pandemja tal-COVID-19

### 2.1. Il-politika dwar l-ghajjnuna mill-Istat iffaċilitat l-appoġġ marbut mal-COVID-19 mill-Istati Membri

Fl-2020, bit-tifrix rapidu tal-pandemja tal-COVID-19 u bl-impatt negativ profond tagħha fuq l-ekonomija tal-UE, dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali u tal-UE kienu mgieħħla jirreaġixxu malajr u fuq diversi lati sabiex jindirizzaw din it-theddida mingħajr preċedent. Azzjoni deċiżiva kienet tinkludi b'mod partikolari l-[instrument ta’ rkupru NextGenerationEU](#)<sup>9</sup> b'ammont ta’ EUR 750 biljun, l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir<sup>10</sup>, u l-akkwist konġunt ta’ apparati mediċi differenti, bħal ventilaturi, maskri, u, finalment, ta’ vaċċini.

F’dan il-kuntest, il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE saret komponent importanti tar-rispons ġħall-kriżijiet li jistabbilizza l-ekonomija. Dan kien jaapplika b'mod partikolari ġħall-politika dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Appoġġ pubbliku mmirrat tajjeb kien kruċjali sabiex jiġi kkumpensat id-dannu kkawżat lil impriżi f’saħħithom u sabiex tiġi ppreservata l-kontinwitā tal-attività ekonomika. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni żgurat li l-appoġġ pubbliku seta’ jasal għand il-kumpaniji fil-bżonn u li jiġu evitati tiġrijiet dannużi għas-sussidji.

[Il-Qafas Temporanju](#) adottat fil-bidu tal-kriżi stabbilixxa l-kundizzjonijiet li l-Kummissjoni tapplika sabiex tiddikjara ġħajjnuna bħala kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, ġħall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, ġħall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u ġħall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014, ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1-47.

<sup>9</sup> NextGenerationEU – parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - huwa strument ġħall-irkupru temporanju ta’ EUR 750 biljun sabiex jgħin fit-tiswija tad-dannu ekonomiku u soċċjali immedjat miġjub mill-pandemja tal-Coronavirus. Il-Faċilità ġħall-Irkupru u r-Reżiljenza hija l-punt fokali ta’ NextGenerationEU b’EUR 672,5 biljun f’self u f’għotjet disponibbli sabiex jappoġġaw ir-riformi u l-investimenti mwettqin mill-pajjiżi tal-UE. Ara: Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11–22.

<sup>10</sup> L-Artikoli 121 u 126 tat-TFUE.

(għajnuna sabiex “tirrimedja taħwid serju fl-ekonomija ta’ Stat Membru”)<sup>11</sup>. Il-Qafas Temporanju ġie emendat diversi drabi fl-2020, li wera l-kapaċċità tal-Kummissjoni li tadatta r-regoli għan-natura li kienet qed tinbidel tal-kriżi.

F’April 2020, dan ġie estiż sabiex ikopri l-appoġġ lill-kumpaniji li jiżviluppaw, jittestjaw u jippanifaw prodotti ferm meħtieġa għall-ġlieda kontra l-Coronavirus bħal vacċċini, mediċini, apparati mediċi, diżinfettanti u tagħmir protettiv, kif ukoll appoġġ għall-pagi u skemi ta’ differenti ta’ taxxa<sup>12</sup>. It-tieni emenda adottata f’Mejju 2020 stabbiliet il-kriterji ta’ kif l-Istati Membri jistgħu jwettqu rikapitalizzazzjonijiet u jipprovd u dejn subordinat lill-kumpaniji fil-bżonn. It-tielet emenda f’Ġunju 2020 estendiet il-Qafas Temporanju sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu appoġġ pubbliku lill-kumpaniji mikro u żgħar kollha, anke jekk digħi kienu f’diffikultà finanzjarja fil-31 ta’ Diċembru 2019. Ir-raba’ emenda ġiet adottata f’Ottubru 2020, u estendiet il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Qafas Temporanju b’sitt xħur sat-30 ta’ Ġunju 2021 u ppermettiet l-appoġġ għar-rikapitalizzazzjonijiet sat-30 ta’ Settembru 2021. Fid-dawl tat-tieni mewġa tat-tifqigħa tal-COVID-19 u d-durata itwal milli kienet mistennija inizjalment tal-kriżi, il-ħames emenda f’Jannar 2021 estendiet il-miżuri kollha stabbiliti fil-Qafas Temporanju, inklużi l-miżuri ta’ rikapitalizzazzjoni, sal-31 ta’ Diċembru 2021 u espandiet il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Qafas Temporanju billi żiedet il-limiti massimi stabbiliti fi, u billi ppermettiet il-konverżjoni ta’ ċerti strumenti ripagabbi f’għotjiet diretti sa-tmiem l-2021.

F’temp ta’ żmien qasir ħafna, il-Kummissjoni adottat numru kbir ta’ deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat skont il-Qafas Temporanju li ppermettew lill-Istati Membri jadottaw miżuri li jtaffu l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19. Fl-2020, il-Kummissjoni adottat 598 deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat relatata mal-COVID-19<sup>13</sup>. F’dan il-perjodu, il-Kummissjoni awtorizzat għajnuna mill-Istat li tista’ tīgi stmatu għal EUR 3,08 triljun<sup>14</sup>. Numru minn dawn il-miżuri ta’ għajnuna ġew kofinanzjati mill-politika ta’ koeżjoni, b’mod partikolari grazzi għal żewġ pakketti ta’ rispons ta’ emerġenza proposti mill-Kummissjoni, u approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill Ewropew fl-2020: l-Inizjattiva ta’ Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u l-Inizjattiva ta’ Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+).

Diversi Stati Membri nnotifikaw “skemi umbrella” li jkopru setturi differenti tal-ekonomija permezz ta’ tipi differenti ta’ għajnuna, inkluż appoġġ immirat lejn intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs). Pereżempju, Franza nnotifikat skema umbrella ta’ EUR 7 biljun li tappoġġa b’mod partikolari lill-SMEs. L-iskema kienet tinkludi diversi tipi ta’ appoġġ, bħal għotjiet

<sup>11</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas Temporanju għal miżuri ta’ għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19, ĠU C 91I, 20.3.2020.

<sup>12</sup> Din l-estensjoni tal-Qafas Temporanju tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li l-Kummissjoni tkun tapplika sabiex tiddikjara għajnuna bħala kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE (“għajnuna maħsuba sabiex tiffaċċilita l-iżvilupp ta’ ċerti attivitajiet jew ta’ ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkix il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni”).

<sup>13</sup> Iċ-ċifra tinkludi deċiżjonijiet, adottati skont il-bażi għuridika eċċeżżjonali li tappoġġa l-Qafas Temporanju kif ukoll skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jaapplikaw fċirkostanzi mhux eċċeżżjonali. Tinkludi wkoll emendi sussegħentigħal deċiżjonijiet adottati qabel.

<sup>14</sup> L-ammont jinkludi miżuri ta’ għajnuna mill-Istat adottati skont il-Qafas Temporanju, l-għajnuna mill-Istat kollha relatata mal-COVID-19 approvata skont settiġiet oħrajn ta’ regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-ammonti aġġustati inklużi f’deċiżjonijiet ta’ emenda sussegħenti.

diretti, self b'rat i tal-imgħax favorevoli u garanziji mill-Istat għal self<sup>15</sup>. Numru ta' Stati Membri, inklużi d-Danimarka, il-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija, il-Belġju u s-Slovakkja, innotifikaw ghajjnuna spċificament b'appoġġ għall-SMEs. L-ghajjnuna lill-SMEs ġiet ipprovduta f'diversi forom bħal differimenti ta' taxxa (id-Danimarka)<sup>16</sup>, skem ta' garanzija pubblika (il-Bulgarija)<sup>17</sup> u għotjet li jkopru l-imgħax fuq l-obbligi ta' dejn eżistenti (il-Greċja)<sup>18</sup>.

Diversi Stati Membri nnotifikaw ghajjnuna sabiex jappoġġaw l-infrastrutturi tar-riċerka, tal-iżvilupp, tal-ittejtjar u l-produzzjoni ta' [prodotti relatati mal-Coronavirus](#)<sup>19</sup>. Pereżempju, il-Ġermanja nnotifikat skema umbrella sabiex tappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp, l-ittejtjar u l-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-Coronavirus<sup>20</sup>.

Is-settur **tat-trasport** kien affettwat b'mod sever mill-pandemija globali. Fl-2020, il-Kummissjoni adottat 42 deċiżjoni li ppermettew ghajjnuna mill-Istat lil-linji tal-ajru, lill-ajruporti u lill-kumpaniji tas-servizzi fuq l-art sabiex tindirizza l-ħtieġi ta' likwidità u ta' kapital tagħhom ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. Numru ta' linji tal-ajru bbenefikaw minn ghajjnuna approvata skont il-Qafas Temporanju (l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE), inklużi Air France, Lufthansa, SAS, Austrian Airlines, airBaltic, Blue Air, KLM, Nordica, Alitalia u Brussels Airlines<sup>21</sup>. L-ghajjnuna lil-linji tal-ajru ġiet awtorizzata wkoll skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE u l-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar<sup>22</sup>. Pereżempju, il-Kummissjoni approvat ghajjnuna mill-Istat lil-linja tal-ajru Franċiża Corsair. Id-diffikultajiet finanzjarji eżistenti tal-linji tal-ajru ġew aggravati mit-tifqigħha tal-Coronavirus. Għalhekk, l-ghajjnuna mill-Istat kienet tikkonsisti f'żewġ miżuri separati; EUR 106,7 miljun f'ghajjnuna għar-ristrutturar u EUR 30,2 miljun sabiex Corsair tiġi kkumpensata għad-dannu kkawżat mit-tifqigħha tal-Coronavirus<sup>23</sup>. Il-linja tal-ajru Portugiża TAP ma kinitx tikkwalifika għall-ghajjnuna skont il-Qafas Temporanju minħabba li l-kumpanija diġà kienet

<sup>15</sup> Il-Każ SA.56985 (2020/N), Franz - COVID-19: Régime cadre temporaire pour le soutien aux entreprises, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20.4.2020.

Ara: [https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/2020/285598\\_2149988\\_102\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/2020/285598_2149988_102_2.pdf).

<sup>16</sup> Il-Kaž SA.57027 (2020/N), id-Danimarka - COVID-19: Credit facility and tax deferrals linked to VAT and payroll tax, id-Deciżjoni tal-Kummissjoni tat-30.4.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/2020/285826\\_2153371\\_56\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/2020/285826_2153371_56_2.pdf).

<sup>17</sup> Il-Każ SA.56933 (2020/N), il-Bulgarija - COVID-19: intermediate SME loan guarantee program, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8.4.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/2020/285460\\_2146849\\_41\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/2020/285460_2146849_41_2.pdf).

<sup>18</sup> Il-Kaž SA.56839 (2020/N), il-Grecja - COVID-19: Support to SME loan obligations in the form of grants under the Temporary Framework for State aid measures to support the economy in the current COVID-19 outbreak, id-Deciżjoni tal-Kummissjoni tat-8.4.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/2020/285303\\_2147455\\_84\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/2020/285303_2147455_84_2.pdf).

<sup>19</sup> Pereżempju l-Italja (SA.56786), il-Belġju (SA.57173 u SA.57057), Franz (SA.57367), Malta (SA.57204 u SA.57075) u r-Repubblika Ċeka (SA.56961 u SA.57071).

<sup>20</sup> Il-Każ SA.57100, il-Ġermanja - COVID-19: Għajnuna ta' Qafas Federali għar-Ruż relatati mal-COVID-19, investimenti finfrastuturi tal-ittejtjar u fil-produzzjoni, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28.4.2021. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57100](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57100).

<sup>21</sup> Ara rispettivament il-każijiet SA.57082, SA.57153, SA.57369, SA.57543 u SA.58342, SA.57539, SA.58101, SA.57026, SA.56943, SA.57116, SA.57586, SA.58114, SA.57544.

<sup>22</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1-28.

<sup>23</sup> Il-Każ SA.58463, Franz - Restructuring aid for Corsair, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 11.12.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_58463](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_58463).

f'diffikultà finanzjarja qabel il-31 ta' Diċembru 2019. Il-Kummissjoni approvat self ta' salvataġġ ta' EUR 1,2 biljun lil TAP<sup>24</sup>. Il-Kummissjoni approvat ukoll skemi sabiex jiġu kkumpensati kumpaniji tat-trasport pubbliku reġionali u lokali għad-dannu mġarrab bħala rिष्टat ta' lockdowns u ta' miżuri oħra jnejn<sup>25</sup>. Minbarra t-trasport, il-Kummissjoni approvat skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE miżuri adottati mill-Istati Membri għal impriżi partikolarmen milqutin mit-tifqigħa, pereżempju fis-setturi tat-turiżmu, tal-kultura, tal-ospitalità u tal-bejgħ bl-imnut<sup>26</sup>. Il-Kummissjoni adottat ukoll numru ta' deċiżjonijiet skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE (“għajjnuna mogħtija sabiex tirrimedja għall-ħsara kkawża minn diżzastru naturali jew avvenimenti oħra straordinarji”), pereżempju sabiex tikkumpensa għad-danni lil dawk li jaħdmu għal rashom, sabiex tissussidja l-kostijiet fissi tal-kumpaniji u sabiex tikkumpensa għal telf minħabba l-kanċellazzjoni ta' avvenimenti sportivi<sup>27</sup>.

Il-Kummissjoni approvat ukoll, skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, firxa ta' miżuri ta' għajjnuna mill-Istat maħsubin għal żoni speċifiċi tal-Istati Membri. Pereżempju, il-Ġermanja nnotifikat fond ta' EUR 46 biljun (“BayernFonds”) fil-forom ta' garanziji, ta' strumenti ta' rikapitalizzazzjoni u ta' strumenti ta' dejn sussidjati għall-Bavarja sabiex tiprovd appoġġ ta' likwidità u ta' kapital lill-impriżi<sup>28</sup>. Ġew approvati wkoll miżuri ta' għajjnuna mill-Istat għar-reġjuni ta' Wallonia u ta' Bruxelles tal-Belġu u għar-reġjuni ta' Friuli Venezia Giulia u tan-Nofsinhar tal-Italja<sup>29</sup>.

Fir-rigward tal-ammonti approvati mill-Kummissjoni, kien hemm differenzi kbar ħafna bejn l-Istati Membri. Dawn id-differenzi huma parżjalment spiegati mid-daqsijiet diverġenti tal-ekonomiji tal-Istati Membri.

B'mod aktar speċifiku, madwar 51,5 % tal-ghajjnuna mill-Istat approvata għet innotifikata mill-Ġermanja. L-Italja nnotifikat miżuri li jirrappreżentaw madwar 14,7 % tal-ammont sħiħ

<sup>24</sup> Il-Każ SA.57369, COVID-19 – Aid to TAP, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10.6.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57369](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57369).

<sup>25</sup> Pereżempju l-Każ SA.57675 (2020/N), il-Ġermanja - COVID-19 – skema għat-trasport pubbliku tal-passiġġieri reġionali u lokali, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7.8.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases1/202033/287584\\_2180796\\_60\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases1/202033/287584_2180796_60_2.pdf).

<sup>26</sup> Pereżempju l-Każ SA.58214, l-Irlanda – COVID-19 Fond ta' Adattament għall-Ftuħ mill-Ġdid tan-Negozji tat-Turiżmu u l-Ospitalità, ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_58214](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_58214);

Il-Kaž SA.57595, il-Kroazja – State Aid Programme of the Ministry of Culture to Support the Economy in the Current COVID-19 Outbreak, ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57595](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57595).

Il-Kaž SA.59048, id-Danimarka – COVID-19: Aid to cafés, restaurants, bars, nightclubs, venues & their suppliers, ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_59048](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_59048).

<sup>27</sup> Il-Kaž SA.56791, Temporary compensation scheme for self-employed financially affected by the COVID-19, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25.3.2021, ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_56791](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_56791); Il-Kaž SA.57291,

COVID-19 Compensation Scheme: Directive for fixed cost subsidies, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23.5.2020, ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57291](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57291); Il-Kaž SA.57614, Compensation scheme for sport organisations, facilities and cancellation of sport events related to COVID-19 (the “COVID – Sport Programme”) – ir-Repubblika Čeka, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22.7.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases1/202030/286956\\_2175432\\_128\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases1/202030/286956_2175432_128_2.pdf).

<sup>28</sup> Il-Kaž SA.57447, il-Ġermanja – COVID-19 measures of the BayernFonds. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases1/202040/286247\\_2192300\\_93\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases1/202040/286247_2192300_93_2.pdf).

<sup>29</sup> Il-Każijiet SA.57083, SA.57056, SA.58802 u SA.57005.

ta' għajnuna mill-Istat approvata, filwaqt li l-għajnuna nnotifikata minn Franza kienet tirrappreżenta 13,9 % ta' dan l-ammont. L-għajnuna nnotifikata minn Spanja kienet tirrappreżenta 4,8 % tal-ammont sħiħ ta' għajnuna mill-Istat approvata, filwaqt li l-għajnuna nnotifikata mill-Polonja u mill-Belġju kienet tikkorrispondi għal madwar 2 % u 1,8 % rispettivament. L-għajnuna nnotifikata minn Stati Membri oħrajin hija stmata li hija bejn 0,01 % u 1,5 % tal-ammont totali stmat ta' EUR 3,08 triljun. L-impatt ekonomiku attwali tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jiddependi fuq l-implementazzjoni tagħhom, mhux fuq il-baġits. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni qed timmonitorja l-implementazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat relatati mal-COVID-19 u qed tadatta l-istratgeġja tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat għall-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq intern.

Fuq il-bażi tat-tweġibiet tas-27 Stat Membru kollha għal żewġ stħarriġiet konsekutivi mwettqin mill-Kummissjoni Ewropea, fil-perjodu bejn nofs Marzu u tniem Diċembru 2020, mit-EUR 2,96 triljun f'għajnuna approvata sa dak iż-żmien, fil-fatt kienu ntefqu madwar EUR 544 biljun. F'termini assoluti, skont id-data preliminari mibgħuta mill-Istati Membri, Franza tat aktar minn kwart tal-għajnuna totali mħallsa (EUR 155,36 biljun), segwita mill-Italja bi 19,8 % tal-għajnuna totali mħallsa (EUR 107,9 biljun), mill-Ġermanja bi 19,1 % tal-għajnuna totali mħallsa (EUR 104,25 biljun) u minn Spanja b'16,7 % (EUR 90,8 biljun). F'termini relattivi, skont id-data preliminari mibgħuta mill-Istati Membri, Spanja hija l-pajjiż li ħareġ l-aktar meta mqabbel mal-PDG tiegħu stess (7,3 %), segwit minn Franza (6,4 %), mill-Italja (6,0 %), mill-Greċċja (4,4 %), minn Malta (3,9 %), mill-Ungjerja (3,7 %), mill-Portugall (3,6 %), mill-Polonja (3,6 %) u minn Ċipru (3,5 %). Fil-livell tal-EU-27, l-infiq fuq l-għajnuna mill-Istat relatata mal-Coronavirus jikkorrispondi għal madwar 3,9 % tal-PDG tal-UE.

Lil hinn mill-għajnuna nnotifikata skont il-Qafas Temporanju, l-Istati Membri huma intitolati jadottaw miżuri li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat tal-UE. L-għajnuna mill-Istat meqjusa anqas distortiva, pereżempju għajnuna bbażata fuq ir-regolamenti *de minimis*<sup>30</sup> jew taħt ċerti regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija<sup>31</sup> tista' tiġi adottata mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Dawn kienu jinkludu b'mod partikolari miżuri bħas-sussidji tal-pagi, is-sospensjonijiet tal-pagamenti tat-taxxi korporattivi u tal-VAT u tal-kontribuzzjonijiet tal-assistenza soċjali.

<sup>30</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura, ĠU L 352, 24.12.2013 p. 9; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45; u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżzi li jipprovdु servizzi ta' interessa ekonomiku ġenerali, ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8.

<sup>31</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 187 26.6.2014, p. 1; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infras truttura tal-port u tal-ajrport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja regionali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, ĠU L 156, 20.6.2017, p. 1.

## 2.2. Gwida għall-parteċipanti fis-suq fil-kontroll tal-antitrust u tal-fużjonijiet

Il-preservazzjoni tad-dixxiplina fis-suq sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-Suq Uniku ssir saħansitra aktar importanti fi żminijiet ta' kriżi. Fl-istess ħin, huwa neċċesarju li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji meta jkun meħtieġ sabiex jiġu miġġielda l-effetti tal-pandemija.

Fil-qasam tal-**antitrust**, il-Kummissjoni adottat malajr serje ta' miżuri li jkopru diversi oqsma.

Il-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-parteċipanti fis-suq f'**Komunikazzjoni**<sup>32</sup> u f'**ittra ta' konfort ad hoc**, li tistabbilixxi l-kriterji ewlenin li tuża meta tivvaluta l-proġetti ta' kooperazzjoni mmirati lejn l-indirizzar tan-nuqqas ta' provvista ta' prodotti u ta' servizzi essenzjali matul it-tifqigħa tal-COVID-19, bħall-mediċini u t-tagħmir mediku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni daħlet fkuntatt ma' kumpaniji, pereżempju fis-settur tal-karozzi, li jipprovdu gwida informali għat-tipi ta' kooperazzjoni li x'aktarx ma jkunux problematiċi, u identifikat is-salvagwardji neċċesarji għal tali kooperazzjoni.

Fit-30 ta' April 2020, il-Kummissjoni ħarġet tliet regolamenti ta' implementazzjoni li jillaxkaw temporanjament il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni fi **tliet setturi agrikoli** affettwati b'mod sever mill-pandemja tal-COVID-19<sup>33</sup>. Ir-Regolamenti ta' Implementazzjoni ppermettew lill-bdiewa u lill-Organizzazzjonijiet Interprofessjonali rikonoxxuti jieħdu azzjonijiet kollettivi temporanji sabiex jistabbilizzaw ċerti setturi.

Barra minn hekk, in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK) ħareġ dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-antitrust matul il-kriżi tal-COVID-19 u kkoopera mill-qrib fi kwistjonijiet tal-kompetizzjoni relatati mal-COVID-19. Fid-Dikjarazzjoni Konguña<sup>34</sup>, il-membri tan-NEK esprimew il-fehim tagħhom li s-sitwazzjoni straordinarja tista' twassal għall-ħtieġa li l-kumpaniji jikkoperaw sabiex jiżguraw il-provvista u d-distribuzzjoni ġusta ta' prodotti skarsi lill-konsumaturi kollha. Huma ddikjaraw li ma kinu sejjintu b'mod attiv kontra miżuri neċċesarji u temporanji stabiliti sabiex jiġi evitat nuqqas ta' provvista. Fl-istess ħin, kien ta' importanza kbira li jiġi żgurat li l-prodotti meqjusa essenzjali għall-ħażżeek tas-saħħa tal-konsumaturi fis-sitwazzjoni attwali (eż- maskri tal-wiċċ u għell sanitizzatur) jibqgħu disponibbli bi prezziżi kompetitivi.

<sup>32</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas Temporanju għall-valutazzjoni ta' kwistjonijiet dwar l-antitrust relatati mal-kooperazzjoni kummerċjali b'reazzjoni għal sitwazzjoni ta' urġenza li jirriżultaw mit-tifqigħa attwali tal-COVID-19, ĠU C 116, 8.4.2020, p. 7.

<sup>33</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/593 tat-30 ta' April 2020 li jawtorizza ftehimiet u deċiżjonijiet dwar miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq fis-settur tal-patata, ĠU L 140, 4.5.2020, p. 13; Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/594 tat-30 ta' April 2020 li jawtorizza ftehimiet u deċiżjonijiet dwar miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq fis-settur tas-siġar ħajjin u tal-florikultura, tal-basal, tal-għeruq u simili, tal-fjuri maqtugħin u tal-faxxina ornamenti, ĠU L 140, 4.5.2020, p. 17; Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/599 tat-30 ta' April 2020 li jawtorizza ftehimiet u deċiżjonijiet dwar l-ippjanar tal-produzzjoni fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, ĠU L 140, 4.5.2020, p. 37. Dawn ir-Regolamenti ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/975 tas-6 ta' Lulju 2020 li jawtorizza ftehimiet u deċiżjonijiet dwar miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq fis-settur tal-inbid, ĠU L 215, 7.7.2020, p. 13.

<sup>34</sup> Id-dikjarazzjoni konguña min-Network Ewropew tal-Kompetizzjoni (NEK) dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni matul il-kriżi tal-Corona. Ara:

[https://www.acceptance.ec.europa.eu/competition/ecn/202003\\_joint-statement\\_ecn\\_corona-crisis.pdf](https://www.acceptance.ec.europa.eu/competition/ecn/202003_joint-statement_ecn_corona-crisis.pdf)

Għalhekk, in-NEK iddikjara li ma kienx se jaħsibha darbtejn sabiex jieħu azzjoni kontra kumpaniji li jisfruttaw is-sitwazzjoni attwali billi joħolqu kartell jew jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom. Wara d-dikjarazzjoni konġunta, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ħadmu flimkien sabiex jiżguraw li l-provvista ta' oġġetti u ta' servizzi essenzjali matul il-pandemija ma tiġix imfixkla u li r-regoli tal-kompetizzjoni jiġu applikati b'mod koerenti, kemm fil-każ tal-infurzar kif ukoll fl-iggwidar tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni tal-kumpaniji matul il-kriżi. Bis-saħħa tal-kooperazzjoni mill-qrib u tal-koordinazzjoni tal-każżejjiet tal-gwida dwar l-antitrust relatati mal-COVID-19, in-NEK seta' jitkellem b'vuċi waħda ma' kumpaniji li fittxew li jfasslu inizjattivi konformi mal-antitrust.

Fil-kontroll tal-fużjonijiet, il-Kummissjoni setgħet tkompli bl-attivitàajiet tagħha filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi u l-iskadenzi legali tagħha<sup>35</sup>. Minkejja l-pandemija, fl-2020 ġew innotifikati 361 tranżazzjoni lill-Kummissjoni. Bħal fis-snin preċedenti, il-biċċa l-kbira tal-fużjonijiet notifikati ma qajmux tħassib dwar il-kompetizzjoni u setgħu jiġu pproċessati malajr. Il-Kummissjoni adottat 352 deċiżjoni dwar fużjonijiet u intervjeniet fi 18-il każ. Fil-kategorija tal-aħħar, ġew approvati 13-il fużjoni soġġetti għal impenji fl-ewwel fażi<sup>36</sup>, tlieta<sup>37</sup> ġew approvati b'rimedji wara investigazzjoni tat-tieni fażi u fużjoni waħda<sup>38</sup> ġiet approvata inkondizzjonalment fit-tieni fażi. Il-proċedura simplifikata ntużat f'76 % tat-tranżazzjonijiet notifikati kollha fl-2020.

### *2.3. Tħejjija għall-Irkupru u għall-ħruġ mill-kriżi*

B'fondi ta' EUR 672,5 biljun, il-Faċilità għall-Irkupru u r-reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF)<sup>39</sup> tirrappreżenta mingħajr l-icċen dubju l-akbar parti tal-pakkett ta' rkupru NextGenerationEU b'ammont ta' EUR 750 biljun<sup>40</sup>. L-RRF se tappoġġa l-investimenti u r-riformi pubbliċi fl-Istati Membri, u se tgħinhom jindirizzaw l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll jiffaċ-il it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

---

<sup>35</sup> Sabiex tiġi żgurata l-kontinwitā tal-operat fiż-żminijiet tal-pandemija, il-Kummissjoni introduċiet l-għoddha ta' Notifikazzjonijiet Elettroniċi, li tippermetti lid-ditti jinnotifikaw il-fużjonijiet ippjanati online.

<sup>36</sup> Il-Każżejjiet M.9408 Assa Abloy/Agta Record, M.9434 UTC/Raytheon, M.9461 AbbVie/Allergan, M.9502 Synthomer/Omnova Solutions, M.9517 Mylan/Upjohn, M.9546 Gategroup/LSG European Business, M.9554 Elanco Animal Health/Bayer Animal Health Division, M.9674 Vodafone Italia/Tim/INWIT JV, M.9677 DIC/BASF Colors & Effects, M.9728 Altice/Omers/Allianz/Covage, M.9744 Mastercard/Nets, M.9776 Worldline/Ingenico u M.9779 Alstom/Bombardier Transportation.

<sup>37</sup> Il-Każ M.9014 PKN Orlen/Grupa Lotos, il-Każ M.9730 FCA/PSA, il-Każ M.9660 Google/Fitbit.

<sup>38</sup> Il-Każ M.9409 Aurubis/Metallo Group Holding.

<sup>39</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75; Il-Proposta tal-Kummissjoni tat-28.5.2020 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-reżiljenza, op. cit. F'Diċembru 2020 intlaħaq ftehim politiku fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew li approva r-regolament dwar l-RRF fid-9.2.2021.

<sup>40</sup> Strumenti oħrajn li għandhom jintużaw huma pereżempju l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Programm Ewropa Diġitali, rescEU u l-programm il-ġdid tas-saħħa EU4Health.

### Rieżami tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istati Membri

Sabiex jirċievu għotjet u self b'rata baxxa tal-imġħax mill-RRF, l-Istati Membri jridu jissottomettu Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plans, RRP) li għandhom jiġu eżaminati mill-Kummissjoni qabel l-iżborż ta' kwalunkwe fond. Il-proġetti kollha fl-RRPs iridu jiġu vvalutati skont ir-regoli dwar l-għajnejha mill-Istat. Fil-ħarifa tal-2020, numru ta' Stati Membri ppreżentaw abbozzi tal-RRPs lill-Kummissjoni u lid-DG Kompetizzjoni megħjunin fir-rieżami u fl-ġħoti ta' pariri dwar l-abbozzi tal-RRPs. Barra minn hekk, id-DG Kompetizzjoni flimkien ma' servizzi oħrajn tal-Kummissjoni assistew lill-Istati Membri fit-thejjja tal-RRPs f'konformità mar-regoli dwar l-għajnejha mill-Istat. Għal dan l-għan, f'Diċembru 2020 il-Kummissjoni ppubblifikat sett ta' mudelli ta' gwida. Il-mudelli ġew aġġornati f'Jannar 2021<sup>41</sup>.

### 3. Żgurar li r-Regoli tal-Kompetizzjoni Jibqgħu Adegwati għall-Użu – Aġenda ta' Politika Estensiva

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet ir-rieżami komprensiv tagħha tar-regoli tal-kompetizzjoni sabiex tagħmilhom adegwati għal ambjent tas-suq li qed jinbidel, inkluża l-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. L-analiżi ssegwi wkoll mill-kontribut ipprovdut mit-tliet Konsulenti Speċjali indipendenti fir-rapport tagħhom ta' April 2019 dwar id-diġitalizzazzjoni u d-dritt tal-kompetizzjoni<sup>42</sup>.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni għamlet avvanzi fl-agħda ta' rieżami tagħha li kopriet numru kbir ta' regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija, ta' linji gwida u ta' avviżi ewlenin tagħha kif ukoll imxiet 'il quddiem b'numru ta' inizjattivi li għaddejji sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku, bħall-proposta fuq l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-inizjattiva dwar is-sussidji barranin. Fl-2020, il-Kummissjoni ffinalizzat ukoll il-“kontroll tal-idoneità” tagħha tal-pakkett tal-2014 ta' Modernizzazzjoni tal-Għajnejha mill-Istat.

#### 3.1. Inizjattiva ta' politika ġdidha għat-tishħiħ tas-sett ta' għodod tal-politika tal-kompetizzjoni

Bħala l-element ewljeni tal-Istrateġija Diġitali Ewropea<sup>43</sup>, ippreżentata mill-Kummissjoni fi Frar 2020, il-Kummissjoni ressqt żewġ proposti leġiżlattivi mmirati lejn il-ħolqien ta' spazju diġitali aktar sikur għall-utenti kollha fejn id-drittijiet fundamentali tagħhom ikunu protetti u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet kompetittivi li jippermettu lin-negozji diġitali innovattivi jikbru fis-Suq Uniku u jikkompetu globalment.

Fl-2020, il-Kummissjoni adottat proposta għal Att dwar is-Swieq Diġitali għal swieq diġitali kontestabbi u ġusti<sup>44</sup>. Ir-regolament propost għandu l-għan li jindirizza l-problemi strutturali fis-swieq diġitali, b'mod partikolari pjattaformi diġitali kbar li jaġixxu bħala “gwardjani”, jigħiġi pjattaformi li għandhom pożizzjoni ta' intermedjazzjoni li tgħaqqa bażi kbira ta'

<sup>41</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni: Gwida lill-Istati Membri – Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, SWD(2021) 12 final, 22.1.2021. Ara: [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/document\\_travail\\_service\\_part2\\_v3\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/document_travail_service_part2_v3_en.pdf).

<sup>42</sup> “Competition Policy in the Digital Era”, 2019, Ara:

<https://ec.europa.eu/competition/publications/reports/kd0419345enn.pdf>.

<sup>43</sup> Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa, il-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19.2.2020, ISBN 978-92-76-16362-6.

<sup>44</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbi u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), COM(2020) 842 final, 15.12.2020.

utenti ma' numru kbir ta' negozji. Bħala parti mill-pakkett diġitali, il-Kummissjoni ressjet ukoll proposta għal Att dwar is-Servizzi Diġitali<sup>45</sup>. Iż-żewġ proposti tal-Kummissjoni huma soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja u se jiġu diskussi fil-Parlament u fil-Kunsill matul l-2021.

### Att dwar is-Swieq Digitali

L-Att dwar is-Swieq Diġitali – ir-regolament propost li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 114 tat-TFUE – ikollu l-għan li jipprevjeni lill-gwardjani milli jipponu kundizzjonijiet ingħusti fuq in-negozji u fuq il-konsumaturi. Eżempji ta' kundizzjonijiet ingħusti bħal dawn jinkludu l-projbizzjoni tan-negozji milli jaċċessaw id-data tagħhom stess, l-imblukkar tal-utenti f'servizz partikolari u l-limitazzjoni tal-qibl għal servizzi alternattivi. Il-kumpaniji jkunu ddeżinjati bħala gwardjani skont l-att jekk jiġu ssodisfati tliet kriterji kwantitattivi kumulattivi<sup>46</sup>. Il-gwardjani deżinjati jkunu soġġetti għal numru ta' obbligli u ta' projbizzjonijiet sabiex jiġi żgurat ambient online miftuħ li jkun ġust għan-negozji u għall-konsumaturi, u miftuħ għall-innovazzjoni minn kulħadd. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tar-regoli l-ġodda, hija prevista l-possibbiltà ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità mal-projbizzjonijiet u mal-obbligi fl-Att dwar is-Swieq Diġitali.

## 3.2. Aġġornar tar-regoli u tal-gwida dwar il-fużjonijiet u l-antitrust

### 3.2.1. Progress fl-evalwazzjoni tal-fużjonijiet

Fl-2020, il-Kummissjoni għamlet progress fl-istadji finali tal-evalwazzjoni tagħħha ta' aspetti proċedurali u ġuriżdizzjonali partikolari tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE<sup>47</sup>. Fis-26 ta' Marzu 2021 ġie ppubblifikat Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jiġbor fil-qosor is-sejbiet ewleniñ tal-evalwazzjoni<sup>48</sup>. B'segwitu għar-riżultati tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' riferiment bejn l-Istati Membri stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, u nediet valutazzjoni tal-impatt dwar l-esplorazzjoni ta' għażiex politika għall-iffokar ulterjuri fuq il-proċeduri ta' fużjoni u għas-simplifikazzjoni tagħħom<sup>49</sup>.

<sup>45</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, COM(2020) 825 final, 15.12.2020. L-att jintroduċi regoli għas-servizzi online (servizzi intermedjarji, servizzi ta' hosting u pjattaformi online). Il-fornituri ta' tali servizzi jkunu soġġetti, fost l-oħrajn, għal rekwiżiti ta' trasparenza u għal obbligli ta' rapportar, għal obbligli ta' informazzjoni, għal regoli dwar il-kondivizzjoni tad-data u għal kodċċiġiet ta' kondotta.

<sup>46</sup> Xi pjattaformi online kbar jaġixxu bħala “gwardjani” fis-swieq diġitali. L-Att dwar is-Swieq Diġitali jistabbilixxi sett ta' kriterji għall-kwalifikazzjoni ta' pjattaforma online kbira bħala gwardjan. Dawn il-kriterji jiġu ssodisfati jekk kumpanija: i.) ikollha pożizzjoni ekonomika b'saħħitha, impatt sinifikanti fuq is-suq intern u tkun attiva f'diversi pajjiżi tal-UE, ii.) ikollha pożizzjoni ta' intermedjazzjoni b'saħħitha, li jfisser li tghaqquad bażi kbira ta' utenti ma' numru kbir ta' negozji, u iii.) ikollha (jew dalwaqt se jkollha) pożizzjoni miżrugħha fil-fond u dejjiema fis-suq.

<sup>47</sup> L-evalwazzjoni ffokat fuq erba' suġġetti, (i) is-simplifikazzjoni ulterjuri possibbi tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE, (ii) il-funzjonament tal-limiti ġuriżdizzjonali, (iii) il-funzjonament tas-sistema ta' riferiment, u (iv) aspetti tekniċi speċifiċi tal-qafas proċedurali u investigattiv għall-valutazzjoni tal-fużjonijiet.

<sup>48</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni: Evaluation procedural and jurisdictional aspects of EU merger control, SWD(2021) 66 final, 26.3.2021. Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP\\_21\\_1384](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_21_1384)

<sup>49</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Commission Guidance on the application of the referral mechanism set out in Article 22 of the Merger Regulation to certain categories of cases, C(2021) 1959 final, 26.3.2021.

### *3.2.2. Rieżami tar-regoli dwar il-provvista vertikali u l-kooperazzjoni orizzontali*

Bil-pubblikazzjoni ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal f'Settembru 2020<sup>50</sup>, il-Kummissjoni kkonkludiet l-evalwazzjoni tagħha tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali ("VBER")<sup>51</sup> u tal-Linji Gwida Vertikali<sup>52</sup>. L-evalwazzjoni vwalutat sa liema punt ir-reġim attwali kien laħaq l-objettiv tiegħu li jipprovdi sfera ta' sikurezza għal ftehimiet vertikali li bħala bilanċ qed itejbu l-effiċjenza, joħolqu ċertezza tad-dritt u jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità. L-għan tal-evalwazzjoni kien ukoll li jiġi deċiż jekk jenħtieġx li dawn ir-regoli jitħallew jiskadu, jiġġeddux fil-forma kurrenti tagħhom jew jiġux riveduti.

L-evalwazzjoni wriet li l-VBER u l-Linji Gwida Vertikali għadhom għodod siewja li jiffaċilitaw l-awtovalutazzjoni min-negozji. Madankollu, is-swieq żviluppaw u l-evalwazzjoni identifikat numru ta' kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Il-Kummissjoni nediet rieżami bl-għan li r-regoli riveduti jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2022, meta jiskadu r-regoli attwali.

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet l-evalwazzjoni tagħha tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tar-Riċerka u tal-Iżvilupp (il-BER tar-RuŻ)<sup>53</sup> u r-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Ispeċjalizzazzjoni (il-BER tal-Ispeċjalizzazzjoni)<sup>54</sup>, flimkien imsejħin ir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija orizzontali (HBERs). Il-Linji Gwida dwar l-akkordji dwar kooperazzjoni orizzontali (HGL) tal-Kummissjoni jipprovd u gwida għall-interpretazzjoni tal-HBERs u għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE dwar ftehimiet orizzontali oħrajn. L-HBERs se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2022. L-iskop ta' dawn ir-regoli huwa li jagħmluha aktar faċċi għall-impriżi li jikkooperaw b'modi li jkunu ekonomikament mixtieqa u mingħajr effett avvers mill-perspettiva tal-politika tal-kompetizzjoni. L-evalwazzjoni tigħbi evidenza dwar il-funzjonament tar-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għall-vetturi bil-mutur, flimkien mal-Linji Gwida korrispondenti, b'mod partikolari billi jiġi vverifikat sa liema punt huma ssodisfati l-objettivi tiegħu. L-MVBER jiskadi f'Mejju 2023 u

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet l-evalwazzjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Vetturi bil-Mutur (MVBER) adottat fl-2010<sup>55</sup>. L-iskop tal-evalwazzjoni huwa li jingħabru fatti u evidenza dwar il-funzjonament tar-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għall-vetturi bil-mutur, flimkien mal-Linji Gwida korrispondenti, b'mod partikolari billi jiġi vverifikat sa liema punt huma ssodisfati l-objettivi tiegħu. L-MVBER jiskadi f'Mejju 2023 u

<sup>50</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Evaluation of the Vertical Block Exemption Regulation, SWD(2020) 173 final, 8.9.2020.

<sup>51</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u pratti ġi miftiehma, ĠU L 102, 23.4.2010, p. 1-7.

<sup>52</sup> Il-Linji Gwida dwar Restriżżonijiet Vertikali, ĠU C 130, 19.5.2010, p. 1-46.

<sup>53</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1217/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp, ĠU L 335, 18.12.2010, p. 36-42.

<sup>54</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1218/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' speċjalizzazzjoni, ĠU L 335, 18.12.2010, p. 43-47.

<sup>55</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2010 tas-27 ta' Mejju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u pratti ġi miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur, ĠU L 129, 28.5.2010, p. 52-57.

jirrikjedi li l-Kummissjoni tissottometti rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill fl-2021.

### *3.2.3 Evalwazzjoni tal-Att dwar id-Definizzjoni tas-Suq*

Fl-2020, il-Kummissjoni bdiet ukoll evalwazzjoni **tal-Att dwar id-Definizzjoni tas-Suq**<sup>56</sup>. L-Att jipprovdi gwida dwar il-prinċipji u l-aħjar prattiki ta' kif il-Kummissjoni tapplika l-kunċett ta' suq rilevanti – ta' prodott u ġeografiku – fl-infurzar tagħha tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE. L-objettiv tal-evalwazzjoni huwa li tivvaluta jekk l-Att għadux adegwat għall-użu tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi riċenti tas-suq fis-setturi differenti, inklużi s-swieq diġitali. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni se jiġu ppubblifikati fl-2021.

### *3.2.4. Negozjar kollettiv għal dawk li jaħdmu għal rashom*

Il-pjattaformi diġitali affettaww il-mod kif jaħdmu n-nies. Jipprovdu aċċess għax-xogħol u flessibbiltà akbar iżda jistgħu jwasslu wkoll għal vulnerabbiltà akbar għal xi ħaddiema. Dawk li jipprovdu servizzi permezz ta' pjattaformi diġitali mhux dejjem joqogħdu f'kategoriji tradizzjonali ta' impjieggi, u mhux dejjem ikun ċar jekk ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jaġixxu bħala ostaklu għan-negozjar kollettiv għal dawk li jeħtiġu. F'Ġunju 2020, il-Kummissjoni nediet proċess sabiex tivvaluta jekk hemmx ħtieġa għal miżuri fil-livell tal-UE billi tiprovvda ċertezza tad-dritt akbar dwar l-applikabbiltà tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE għan-negozjar kollettiv minn dawk li jaħdmu għal rashom. Twettaq proċess inizjali ta' ġbir ta' informazzjoni bħala parti mill-konsultazzjoni fuq l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. B'mod parallel, id-DG Kompetizzjoni kien involut mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati li jinkludu l-pjattaformi u s-sħab soċċiali. F'Jannar 2021, il-Kummissjoni ppubblifikat valutazzjoni tal-impatt tal-bidu li tistabbilixxi l-għażliet inizjali għal azzjoni futura<sup>57</sup>.

### *3.2.5. Infurzar Privat – Rapport ta' implementazzjoni dwar id-Direttiva u l-Komunikazzjoni dwar id-Danni fuq il-protezzjoni ta' informazzjoni kufidenzjali mill-qrati nazzjonali*

**Id-Direttiva dwar id-Danni**<sup>58</sup> tistipula regoli sabiex ikun żgurat li kwalunkwe persuna li ġarrbet dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni minn impriża jew minn assoċjazzjoni ta' impriża, tkun tista' b'mod effettiv teżerċita d-dritt li titlob għal kumpens sħiħ għal dak id-dannu minn dik l-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriża quddiem il-qrati nazzjonali. F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat **Rapport ta' Implementazzjoni** lill-Parlament u lill-Kunsill kif meħtieġ fid-Direttiva<sup>59</sup>.

<sup>56</sup> L-Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità, ĠU C 372, 9.12.1997, p. 5.

<sup>57</sup> Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu – Ftehimiet ta' negozjar kollettiv għal persuni li jaħdmu għal rashom - kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, 6.1.2021. Ara: [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12483-Ftehimiet-ta%20%99-negozjar-kollettiv-g%C4%A7al-persuni-li-ja%C4%A7dmu-g%C4%A7al-rashom-kamp-ta%C2%80%99-applikazzjoni-tar-regoli-tal-kompetizzjoni-tal-UE\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12483-Ftehimiet-ta%20%99-negozjar-kollettiv-g%C4%A7al-persuni-li-ja%C4%A7dmu-g%C4%A7al-rashom-kamp-ta%C2%80%99-applikazzjoni-tar-regoli-tal-kompetizzjoni-tal-UE_mt).

<sup>58</sup> Id-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ġerti regoli li jirreglaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 349, 5.12.2014, p. 1-19.

<sup>59</sup> L-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar id-Danni.

Ir-rapport iqis l-implimentazzjoni ta' xi wħud mir-regoli ewlenin tad-Direttiva, bħad-dritt għal kumpens sħiħ, id-divulgazzjoni tal-evidenza, il-valur probatorju tad-deċiżjonijiet ta' ksur, il-perjodi ta' preskrizzjoni, it-trasferiment ta' sovradebitu u l-istima tad-dannu. Mill-adozzjoni tad-Direttiva fl-2014, in-numru ta' azzjonijiet għad-danni quddiem il-qrati nazzjonali żidet b'mod sinifikanti u l-azzjonijiet għad-danni saru ħafna aktar misfruxin fl-UE. In-numru kumulattiv ta' kawżi, sad-data tal-ewwel sentenza, kien ta' madwar 50 fil-bidu tal-2014 u, wara żieda qawwija, kien ta' 239 fl-2019. Dawn il-239 każ ġew minn tlettax-il Stat Membru<sup>60</sup>. Il-Kummissjoni kkonkludiet li d-Direttiva dwar id-Danni x'aktarx li tejbet l-għarfien tal-vittmi ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jfittxu għad-danni b'mod effettiv għad-dannu mġarrab.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea adottat **Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kufidenzjali mill-qrati nazzjonali** fi proċedimenti għall-infurzar privat tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE<sup>61</sup>. Il-Komunikazzjoni tipprovd iġwida dwar miżuri li l-qrati nazzjonali jistgħu jipponu sabiex jipproteġu l-informazzjoni kufidenzjali matul u wara l-għeluq tal-proċedimenti. Eżempji ta' miżuri bħal dawn huma tħassir, crieķi ta' kufidenzjalitā, użu ta' esperti u seduti.

### **3.3. Rieżami tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat**

#### **3.3.1. Kontroll tal-idoneità tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat konkluż**

Fl-2020, il-Kummissjoni kkonkludiet **il-kontroll tal-idoneità**<sup>62</sup>, li beda fl-2019, tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat adottati bħala parti mill-pakkett dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajjnuna

<sup>60</sup> L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franzja, il-Ġermanja, il-Ġreċċa, l-Ungeria, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, flimkien mar-Renju Unit.

<sup>61</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kufidenzjali mill-qrati nazzjonali fi proċedimenti għall-infurzar privat tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE, ĠU C 242, 22.7.2020, p. 1-17.

<sup>62</sup> Il-Kontroll tal-idoneità kopra r-regoli li ġejjin, li ġew adottati bħala parti mill-Modernizzazzjoni tal-Għajjnuna mill-Istat: Ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Ġeneral (GBER) (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 of 17 June 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78); Ir-Regolament de minimis (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna de minimis, ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1-8); Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat (Linji Gwida dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1-45); Il-qafas għall-ghajjnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) (Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas għall-ghajjnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1-29); Il-Komunikazzjoni dwar proġetti importanti ta' interessa Ewropew komuni (IPCE) (Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-ghajjnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interessa Ewropew komuni, ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4-12); Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament ta' riskju (Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju, ĠU C 19, 22.1.2014, p. 4-34); Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-ajruporti u għal-linji tal-ajru (Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru, ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3-34); Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u l-enerġija (Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020, ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1-55); Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020, ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1-55); Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' imprezi mhux finanzjarji f'diffikultà (Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' imprezi mhux finanzjarji f'diffikultà, ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1-28). Barra minn hekk, kopra wkoll il-Linji Gwida Ferrovjarji mill-2008 u l-Komunikazzjoni dwar l-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir mill-2012.

mill-Istat (SAM). Il-Linji Gwida Ferrovjarji<sup>63</sup> u l-Komunikazzjoni dwar l-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir (STEC)<sup>64</sup> ġew inklużi wkoll fil-kontroll tal-idoneitā. Il-Kummissjoni eżaminat jekk ir-regoli għadhomx adegwati għall-użu, anki fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>65</sup>, tal-Istrateġja Industrijali l-Ġdida<sup>66</sup> u tal-Istrateġja Digidali<sup>67</sup> tal-Kummissjoni.

Ir-riżultati tal-kontroll tal-idoneitā ġew ippubblikati f'Ottubru 2020. Il-Kummissjoni kkonkludiet li r-regoli li qed jiġu evalwati għadhom fil-biċċa l-kbira adegwati għall-użu. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet jeħtieġu reviżjonijiet, li jinkludu kjarifiki, aktar razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni, kif ukoll aġġustamenti sabiex jirriflettu l-iżviluppi leġiżlattivi riċenti, il-prioritajiet attwali, it-tibdiliet fis-swieq u l-iżviluppi teknoloġiċi. Sabiex taġħti biżżejjed żmien sabiex jiġu emendati r-regoli, il-Kummissjoni estendiet<sup>68</sup> il-validità ta' dawn ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat sal-31 ta' Diċembru 2021<sup>69</sup>. Ir-regoli kieku kienu jiskadu fl-aħħar tal-2020.

### *3.3.2. Rieżami tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat b'appoġġ tal-Patt Ekoloġiku Ewropew*

Ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat huma parti vitali mit-tranżizzjoni ekoloġika. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-prinċipji tal-kontroll tal-idoneitā, il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat rilevanti għall-Patt Ekoloġiku Ewropew bħalissa għaddejjin minn reviżjoni mmirata li għandha titlesta sa tniem l-2021. Dawn jinkludu **l-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna Reġjonal**<sup>70</sup>, **il-Komunikazzjoni dwar l-**

---

Dawk ir-regoli ma ġewx riveduti bħala parti mill-Modernizzazzjoni tal-Ġħajjnuna mill-Istat, iżda evalwazzjoni kienet rilevanti fid-dawl tal-iżviluppi fid-dritt tal-UE u fil-prattika tal-każżejjiet tal-Kummissjoni.

<sup>63</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ĠU C 184, 22.7.2008, p. 13-31.

<sup>64</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir, ĠU C 392, 19.12.2012, p. 1-7.

<sup>65</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final, 11.12.2019.

<sup>66</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjun: Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, COM(2020) 102 final, 10.3.2020.

<sup>67</sup> Insawru l-futur diġitali tal-Emu, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19.2.2020.

<sup>68</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni u l-emendi tal-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju, il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija, il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, il-Komunikazzjoni dwar Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-ġħajjnuna mill-Istat biex tipromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interessa Ewropew komuni, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas għall-ġħajjnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir, ĠU C 224, 8.7.2020, p. 2-4.

<sup>69</sup> Ir-regoli li ġejjin dwar l-ghajjnuna mill-Istat ġew estiżi sal-31 ta' Diċembru 2023: Ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Sħiħa (GBER), ir-Regolament *de minimis*, il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà. Ara wkoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti, ĠU L 215, 7.7.2020, p. 3-7.

<sup>70</sup> Il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-2014 - 2020, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014, ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1.

IPCEI<sup>71</sup>, il-Qafas tar-RŻI<sup>72</sup>, il-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju, il-Linji Gwida Ambjentali u dwar l-Enerġija (EEAG)<sup>73</sup> u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GBER<sup>74</sup>. Il-Linji Gwida riveduti dwar l-ETS ġew adottati fl-2020<sup>75</sup>.

Il-linji gwida emendati dwar l-ETS daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 mal-bidu tal-perjodu l-ġdid ta' negozjar tal-ETS. Il-linji gwida dwar l-ETS jippermettu lill-Istati Membri jikkumpensaw lill-kumpaniji f'setturi f'riskju għal parti mill-prezzijiet oħla tal-elettriku li jirriżultaw mis-sinjal tal-prezzijiet tal-karbonju maħluqa mill-ETS (l-hekk imsejħa kostijiet indiretti tal-emissjoni).

F'Novembru 2020, il-Kummissjoni stiednet kummenti<sup>76</sup> mill-partijiet ikkonċernati dwar ċerti aspetti tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija, fid-dawl tar-reviżjoni ppjanata tagħhom. Il-Linji Gwida, li l-validità tagħhom ġiet estiżha sal-31 ta' Diċembru 2021, ġew evalwati bħala parti mill-kontroll tal-idoneitā. L-evalwazzjoni wriet li l-Linji Gwida ffaċilitaw implementazzjoni aktar effettiva u anqas distorsiva tar-riżorsi tal-Istat sabiex itejbu l-ħarsien tal-ambjent u jilħqu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija. Madankollu, jeħtieġ li dawn jiġu aġġustati fid-dawl ta' teknoloġiji ġodda u ta' tipi ġodda ta' appoġġ, kif ukoll leġiżlazzjoni u politika ambjentali u dwar l-enerġija riċenti.

Fl-2020, il-Kummissjoni ffinalizzat l-evalwazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2014 dwar Projetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)<sup>77</sup>, bħala parti mill-kontroll tal-idoneitā. Ir-riżultati wrew li r-regoli dwar l-IPCEI huma ġeneralment adegwati għall-użu iżda li xi modifiki mmirati jistgħu jkunu ġġustifikati fid-dawl tal-esperjenza prattika miksuba mill-każijiet tal-IPCEI (dwar il-mikroelektronika u l-batteriji) u sabiex jiġi żgurat li r-regoli dwar l-IPCEI jappoġġaw bis-sħiħ il-prioritajiet tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġja Diġitali, u jiffaċilitaw il-parċeċipazzjoni mill-SMEs. Il-konsultazzjoni dwar Komunikazzjoni riveduta dwar l-IPCEI tnediet fi Frar 2021.

### *3.3.3. Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Broadband*

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika li fiha stiednet lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħrajn sabiex jipprovdu l-fehmiet u l-kummenti tagħhom

<sup>71</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interessa Ewropew komuni, ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4-12.

<sup>72</sup> Qafas għall-għajnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1.

<sup>73</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020, ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1-55.

<sup>74</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

<sup>75</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra għal wara l-2021, SEC(2020) 320 final, SWD(2020) 190 final, SWD(2020) 191 final, SWD(2020) 192 final, SWD(2020) 193 final, SWD(2020) 194 final, SWD(2020) 195 final, 21.9.2020.

<sup>76</sup> Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tistieden kummenti dwar ir-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u l-enerġija, 12.11.2020.

<sup>77</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tipromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interessa Ewropew komuni, ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4-12.

fuq ir-regoli eżistenti tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat rigward l-appoġġ pubbliku għall-implimentazzjoni tan-networks tal-broadband<sup>78</sup>. Il-Linji Gwida tal-2013 dwar **għajnuna mill-Istat għall-Broadband** jippermettu lill-Istati Membri jiaprovdha appoġġ għall-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet<sup>79</sup>. Il-konsultazzjoni pubblika hija parti minn evalwazzjoni ġenerali bl-ġhan li jiġi vvalutat jekk il-linji gwida għadhomx adegwati għall-użu jew jekk huwiex sejkollhom bżonn jiġu aġġornati fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq riċenti.

### *3.3.4. Kompliet l-evalwazzjoni tal-pakkett dwar l-SGEI*

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet l-evalwazzjoni tagħha tal-pakkett għas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI) adottat fl-2012. L-evalwazzjoni, li bdiet fl-2019, tkopri l-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, id-Deċiżjoni dwar l-SGEI, il-Qafas dwar l-SGEI u r-Regolament *de minimis* dwar l-SGEI<sup>80</sup>, sa fejn dawn huma applikabbli għas-servizzi tas-saħħha u soċjali (ħlief l-evalwazzjoni tar-Regolament *de minimis* dwar l-SGEI li jkopri firxa usa' ta' setturi). L-objettiv ġenerali tal-pakkett huwa li jappoġġa l-finanzjament mill-Istati Membri tal-SGEI ta' importanza kbira għaċ-ċittadini u għas-soċjetà kollha kemm hi, filwaqt li jiipreserva l-aspetti ewlenin tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. L-ġhan tal-evalwazzjoni huwa li tivverifika jekk ir-regoli dwar l-SGEI applikabbli għas-servizzi tas-saħħha u soċjali għadhomx adattati u għadhomx jiiprovdha valur miżjud tal-UE. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni se jiġu ppubbliki fl-2021.

### *3.3.5. Rieżami tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-agrikoltura u għas-sajd*

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet ir-rieżami tagħha tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-agrikoltura u għas-sajd. Ir-rieżami jinkludi r-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Agrikoltura (ABER)<sup>81</sup>, il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-agrikoltura, għall-forestrija u għaż-żoni rurali<sup>82</sup>, ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għas-Sajd (FIBER)<sup>83</sup>, ir-Regolament dwar l-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura<sup>84</sup>

<sup>78</sup> Il-konsultazzjoni pubblika: Evalwazzjoni tar-regoli dwar l-Ġħajnuna mill-Istat għall-użu tal-infrastruttura tal-broadband. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/consultations/2020\\_broadband/index\\_en.html](https://ec.europa.eu/competition/consultations/2020_broadband/index_en.html).

<sup>79</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-networks tal-broadband, ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1-25.

<sup>80</sup> L-evalwazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-servizzi tas-saħħha u soċjali ta' interessa ekonomiku ġenerali (SGEI) u tar-Regolament *de minimis* dwar l-SGEI. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/legislation/evaluation\\_sgei\\_en.html](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/evaluation_sgei_en.html).

<sup>81</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1.

<sup>82</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali mill-2014 sal-2020, ĠU C 204, 1.7.2014, p. 1.

<sup>83</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 369, 24.12.2014, p. 37.

<sup>84</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45.

u l-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-sajd u għall-akkwakultura<sup>85</sup>. Dawn l-istumenti ġew estiżi fl-2020, se jiskadu issa fl-aħħar tal-2022 u bħalissa qed jiġu evalwati. Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet jiġu ffinalizzati fl-2021 u jkunu segwiti minn valutazzjonijiet tal-impart, f'konformità mar-rekwiżiti għal Regolamentazzjoni Aħjar. Il-Kummissjoni twettaq ir-reviżjoni tagħha bl-objettiv li tistabbilixxi settiġiet ġodda ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-agrikoltura u għas-sajd, li mistennija li jibdew japplikaw fl-2023.

#### 4. Kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għat-tranżizzjoni digħi u għat-tiċhiħ tas-Suq Uniku

Permezz tal-ambizzjoni l-kbira “[Ewropa Lesta għall-Era Digital](#)”, il-President Von der Leyen iddefiniet il-qasam diġitali bħala waħda mill-prioritajiet ewlenin tagħha għall-mandat tal-Kummissjoni. Fi swieq kompetitivi, id-ditti jridu jinnovaw u jsiru aktar effiċjenti sabiex jirnexxu. Dan japplika b'mod partikolari għas-swieq diġitali xprunati mill-innovazzjoni u li jinbidlu malajr. L-infurzar effettiv tar-regoli tal-kompetizzjoni u tar-riformi regolatorji tal-UE huma ta' importanza vitali fit-trasformazzjoni digħi tal-ekonomija tal-UE li tikkontribwixxi għal ir-kupru reżiljenti fl-UE. Bl-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, il-Kummissjoni tkompli tneħħi l-ostakli li fadal għas-Suq Uniku.

##### *4.1. Infurzar fl-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni u għat-tiċhiħ tas-Suq Uniku*

Fis-swieq għas-sistemi fuq ċipep (SOCs), il-Kummissjoni imponiet mżuri interim fuq *Broadcom*<sup>86</sup>, li hija l-fornitur ewljeni tad-dinja ta' chipsets użati għall-kaxxi set-top tat-TV u għall-modems, talli – fil-fehma preliminari tal-Kummissjoni – abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq tal-SoCs għal (i) kaxxi set-top tat-TV, (ii) modems tal-fibra, u (iii) modems xDSL billi daħlet fi ftehimiet mal-manifatturi ta' kaxxi set-top tat-TV u ta' modems li kien fihom dispożizzjonijiet li jinċentivaw l-esklużività. F'Ottubru 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel legalment vinkolanti numru ta' impenji offruti minn Broadcom.<sup>87</sup> Broadcom ħadet impenn li tissospendi l-arranġamenti eżistenti ta' esklużività jew ta' kważi esklużività u d-dispożizzjonijiet ta' ingranagħ dwar l-SoCs għall-kaxxi set-top tat-TV u għall-modems tal-Internet li jinsabu fil-ftehimiet mal-manifatturi tat-tagħmir oriġinali. Broadcom qablet li ma tidħolx fi ftehimiet simili fil-futur.

Il-Kummissjoni kkonkludiet l-investigazzjoni finali fir-rigward tal-bejgħ ta' merchandise lliċenzjata f-Jannar 2020. Il-Kummissjoni mmultat diversi kumpaniji li jappartjenu għal Comcast Corporation, inkluża *NBCUniversal*, EUR 14,3 miljun għall-ksur tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust<sup>88</sup>. NBCUniversal daħħlet klawżoli fil-ftehimiet ta' l-iċenzjar għal merchandise tal-films li jipprobjeb ix-xid-detenturi tal-liċenzji milli jibighu online, ibiġiżu barra territorji

<sup>85</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji gwida għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, ĠU C 217, 2.7.2015, p. 1.

<sup>86</sup> Il-Każ AT.40608 Broadcom, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16.10.2019. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec\\_docs/40608/40608\\_2791\\_11.pdf](https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec_docs/40608/40608_2791_11.pdf).

<sup>87</sup> Il-Każ AT.40608 Broadcom – Impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament 1/2003, 7.10.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec\\_docs/40608/40608\\_2794\\_3.pdf](https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec_docs/40608/40608_2794_3.pdf).

<sup>88</sup> Il-Każ AT.40433 Merchandise tal-films, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30.1.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec\\_docs/40433/40433\\_734\\_3.pdf](https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec_docs/40433/40433_734_3.pdf).

speċifiċi jew lil klijenti oħrajn li ma jkunux klijenti speċifikati. Dawn il-klawżoli qasmu s-Suq Uniku għad-detriment tal-konsumaturi.

### Il-Kummissjoni timmulta lil NBCUniversal EUR 14,3 miljun talli llimitat il-bejjgħ ta' merkanzija skont it-territorju jew il-grupp ta' klijenti



Fi Frar 2020, fis-settur tas-servizzi tal-akkomodazzjoni fil-lukandi, il-grupp Spanjol tal-lukandi Meliá ġie mmultat EUR 6,7 miljun talli daħħal klawżoli fil-ftehimiet tiegħu mal-operaturi turistiċi li skonthom dawk il-kuntratti kienu validi biss għal prenotazzjonijiet ta' konsumaturi li kienu residenti f'pajjiżi speċifikati<sup>89</sup>. Il-Kummissjoni sabet li dan kien jaqsam is-Suq Uniku billi rrestrinġa l-kapaċità tal-operaturi turistiċi li jbigħu liberament l-akkomodazzjoni fil-lukandi fil-pajjiżi kollha taż-ŻEE u li jwieġbu għal talbiet diretti mingħand konsumaturi li kienu residenti barra mill-pajjiżi definiti.

Fl-2020, il-Kummissjoni għamlet progress fl-investigazzjonijiet tagħha f'każżejjiet li għadhom għaddejjin u nediet diversi investigazzjonijiet kbar dwar l-antitrust fl-isfera diġitali.

F-Novembru 2020, il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil Amazon li fiha sabet b'mod provviżorju li Amazon abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha bi ksur tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust<sup>90</sup>. Amazon taġixxi bħala bejjiegħ bl-imnut fis-suq tagħha stess u fl-istess ħin tippermetti lil bejjiegħha terzi jbigħu permezz ta' dik l-istess pjattaforma. Amazon għandha aċċess għal data mhux pubblika importanti dwar dawk il-bejjiegħha terzi. Amazon iddaħħal din id-data fl-algoritmi dwar in-negożji tal-bejjgħ bl-imnut tagħha u tużaha sabiex tikkalibba l-offerti tal-bejjgħ bl-imnut tagħha stess għad-detriment tal-bejjiegħha l-oħrajn fis-

<sup>89</sup> Il-Każ AT.40528 Meliá (Ipprezzar tal-Btajjal), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21.2.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec\\_docs/40528/40528\\_418\\_3.pdf](https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec_docs/40528/40528_418_3.pdf).

<sup>90</sup> Antitrust: Commission sends Statement of Objections to Amazon for the use of non-public independent seller data and opens second investigation into its e-commerce business practices, stqarrija ghall-istampa tal-Kummissjoni tal-10.11.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip\\_20\\_2077](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_2077).

suq. Fil-fehma preliminari tal-Kummissjoni, din l-imġiba tippermetti lil Amazon tingrana d-dominanza tagħha fis-suq għall-forniment ta' servizzi tas-suq fi Franza u fil-Ġermanja.

F'Novembru 2020 ukoll, il-Kummissjoni fetħet it-tieni investigazzjoni formali dwar l-antitrust fil-prattiki kummerċjali ta' Amazon<sup>91</sup>. L-investigazzjoni tikkonċerna prattiki potenzjali ta' awtopreferenzi u diskriminatorji fis-suq immexxi minn Amazon. Il-Kummissjoni tissuspetta li Amazon tista' tifavorixxi l-offerti tal-bejgħ bl-imnut tagħha stess fis-suq ta' Amazon kif ukoll l-offerti magħmulu mill-bejjiegħ li jużaw is-servizzi tal-loġistika u tal-konsenza ta' Amazon (l-hekk imsejjaħ “fulfilment by Amazon sellers”). B'mod partikolari, il-Kummissjoni qed tinvestiga l-kriterji li Amazon tistabbilixxi sabiex tagħżel ir-rebbieħ tal-“Buy box” fis-suq tagħha. Il-Kummissjoni qed tharess ukoll lejn il-kriterji tal-għażla li jippermettu lill-bejjiegħ joffru prodotti lil klijenti li jużaw Amazon Prime, il-programm ta' lealtà tal-kumpanija. Dawn il-kriterji jistgħu jwasslu wkoll għal trattament preferenzjali tan-negozju tal-bejgħ bl-imnut ta' Amazon jew tal-bejjiegħ ta' FBA. Sabiex il-bejjiegħ jiġi generaw il-bejgħ fis-suq ta' Amazon, huwa kruċjali li jirbħu l-Buy box u li jidher lill-klijenti ta' Amazon Prime.

F'Ġunju 2020, il-Kummissjoni fetħet erba' investigazzjonijiet formali kontra *Apple*. Il-Kummissjoni tinvestiga jekk it-termini, il-kundizzjonijiet u miżuri oħrajn ta' Apple għall-integrazzjoni ta' Apple Pay fl-applikazzjonijiet u fis-siti web tan-negozjanti fuq iPhones u iPads humiex qegħdin jiksru r-regoli tal-UE dwar l-antitrust. Il-Kummissjoni qed tinvestiga wkoll il-limitazzjoni tal-aċċess min-naħħa ta' Apple għall-funzjonalità ta' Komunikazzjoni b'Kamp fil-Qrib (Near Field Communication, NFC) (agħfas u mur) fuq iPhones għall-pagamenti fi ħwienet u allegati risjuti ta' aċċess għal Apple Pay<sup>92</sup>.

Barra minn hekk, żewġ investigazzjonijiet isegwu lmenti separati minn Spotify u minn distributur ta' kotba elettroniċi/kotba tal-awdjo dwar l-impatt tar-regoli tal-App Store fuq il-kompetizzjoni fl-istreaming tal-mużika u fil-kotba elettroniċi/fil-kotba tal-awdjo. F'dawn l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni tinvestiga jekk ir-regoli ta' Apple għall-iżviluppaturi tal-apps dwar id-distribuzzjoni tal-apps permezz tal-App Store jiksrux ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni<sup>93</sup>. L-investigazzjonijiet jikkonċernaw b'mod partikolari l-użu obbligatorju tas-sistema proprjetarja ta' Apple ta' xiri fl-applikazzjonijiet stess (li tinvölv t-talba ta' ħlas ta' kummissjoni ta' 30 % minn Apple lill-iżviluppaturi tal-apps fuq it-tariffi ta' abbonament) u restrizzjonijiet fuq il-kapaċitā tal-iżviluppaturi li jinformaw lill-utenti ta' iPhones u ta' iPads b'possibiltajiet alternativi ta' xiri orħos barra mill-apps. L-imġiba inkwistjoni tista' wkoll tneħħi l-intermedjazzjoni tal-iżviluppaturi ta' apps f'kompetizzjoni minn *data* importanti tal-klijenti, filwaqt li Apple tista' tikseb *data* siewja dwar l-aktivitajiet u l-offerti tal-kompetituri tagħha.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikseb fehim aktar komprensiv tal-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni, tad-dinamika tas-suq u tal-isfidi għan-negozji fis-settur orjentat lejn il-konsumatur tal-“Internet tal-Oġġetti”, f'Lulju 2020 il-Kummissjoni nediet inkjestha settorjali

<sup>91</sup> Il-Każ AT.40703 Amazon – Buy Box, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec\\_docs/40703/40703\\_67\\_4.pdf](https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec_docs/40703/40703_67_4.pdf).

<sup>92</sup> Antitrust: Il-Kummissjoni tiftaħ investigazzjoni fil-prattiki ta' Apple rigward Apple Pay, stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tas-16.6.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip\\_20\\_1075](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_1075).

<sup>93</sup> Antitrust: Commission opens investigations into Apple's App Store rules, stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tas-16.6.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mi\\_ip\\_20\\_1073](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mi_ip_20_1073).

dwar l-Internet tal-Oġġetti<sup>94</sup>. Il-Kummissjoni se teżamina mgħiba li tista' tillimita jew tfixkel il-kompetizzjoni u li jista' jkun jistħoqqilha intervent bikri. Ir-rapport finali se jinħareġ fl-2022.

F'Lulju 2020, il-Kummissjoni mmultat tliet fornituri tal-enerġija (*Orbia, Clariant u Celanese*) total ta' EUR 260 miljun minħabba kollużjoni għax-xiri tal-eten bl-anqas prezz possibbli għad-detriment tal-bejjiegħha tal-eten<sup>95</sup>. L-eten huwa sustanza kimika li taqbad, primarjament użata sabiex isir il-polietilen, l-aktar plastik komuni li jintuża llum. Il-kumpaniji kollha ammettew l-involviment tagħhom, għenu lill-Kummissjoni fl-investigazzjoni tagħha u qablu li jiħeq fuq ftehim dwar il-każ. Ir-raba' kartellist, Westlake, ma ġiex immultat minħabba li żvela l-kartell lill-Kummissjoni.

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni kkonkludiet żewġ investigazzjonijiet oħrajn dwar kartelli tal-partijiet tal-karozzi<sup>96</sup>. Hija mmultat lill-manifatturi *Brose* u *Kiekert* EUR 18-il miljun b'kollo. *Magna* u *Brose* ħadu sehem f'kartell bilaterali li jikkonċerna moduli tal-bibien u regolaturi tat-twiegħi, filwaqt li *Magna* u *Kiekert* ikkolludew fir-rigward tal-latches u tal-ħabbata tas-serratura. Fiż-żewġ kartelli, il-kumpaniji kienu jistabbilixxu l-prezzijiet u jiskambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva. *Magna* ma ġietx immultata minħabba li l-kumpanija żvelat iż-żewġ kartelli lill-Kummissjoni.

### Il-ftehim ta' ħlas għad-dewmien ta' Teva-Cephalon

F'Novembru 2020, il-Kummissjoni mmultat<sup>98</sup> lill-kumpanji farmaċewti Teva u Cephalon EUR 60,5 miljun talli qablu li jdewmu għal diversi snin id-dħul fis-suq ta' verżjoni ġenerika anqas għalja tal-mediċina ta' Cephalon għal disturbi fl-irqaq, modafinil, wara li kienu skadew il-privattivi ewlenin ta' Cephalon. Il-ftehim ġie konkluż ferm qabel ma Cephalon ġiet akkwiżita minn Teva. Il-ftehim kiser ir-regoli tal-UE dwar l-antitrust u kkawża dannu sostanzjali lill-pazjenti u lis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-UE billi żamm il-prezzijiet għaljin b'mod artifiċjali għal modafinil.

Id-deċiżjoni tikkonċerha ftehim ta' saldu tal-privattivi li permezz tiegħu Cephalon induċiet lil Teva sabiex ma tidħolx fis-suq b'verzjoni ġenerika ta' modafinil, bi skambju għal pakkett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali li kienu ta' benefiċċju għal Teva u għal xi ħlasijiet bi flus. Teva kellha l-privattivi tagħha stess relatati mal-proċess tal-produzzjoni ta' modafinil u kienet lesta li tidħol fis-suq ta' modafinil bil-verżjoni ġenerika tagħha stess, li digħi kienet bdiet tbigħ fir-Renju Unit. Imbagħad, qablet ma' Cephalon sabiex tirtira mis-suq u ma tikkompetix mal-privattivi ta' Cephalon. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni sabet li, għal diversi snin, dan il-ftehim ta' "ħlas għad-dewmien" kellu l-għan u l-effett li jelmina lil Teva bħala kompetit u li jippermetti lil Cephalon tkompli timponi prezziżżejjiet għaljin anke jekk il-privattivi ewlenin tagħha ta' modafinil kienu ilhom skaduti.

<sup>94</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16.7.2020 li tibda inkjesta fis-settur tal-prodotti u servizzi tal-konsumatur relatati mal-Internet tal-Oġġetti skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, COM (2020) 4754 final. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/antitrust/IoT\\_decision\\_initiating\\_inquiry\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/competition/antitrust/IoT_decision_initiating_inquiry_en.pdf).

<sup>95</sup> Il-Każ AT.40410 Etilen, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14.7.2020. Ara:


[https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec\\_docs/40410/40410\\_1654\\_6.pdf](https://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/dec_docs/40410/40410_1654_6.pdf).

<sup>96</sup> Fl-aħħar snin, il-Kummissjoni mmultat għal attivitajiet ta' kartelli lil fornituri ta' berings awtomobilistiċi, ta' sistemi ta' wajers miġburin fil-karozzi, ta' fowm flessibbli użat fis-sedili tal-karozzi, ta' ħiters tal-ipparċċjar fil-karozzi u fit-trakkijiet, ta' alternaturi u ta' starters, ta' sistemi tal-arja kundizzjonata u ta' tberri tal-magna, ta' sistemi tad-dawl, ta' sistemi tas-sikurezza tal-okkupanti, u ta' spark plaggs, ta' sistemi tal-ibbrejkjar, ta' ċinturini tas-sigurtà, ta' boroż tal-arja u ta' sterlings.

<sup>97</sup> Il-Każ AT.40299 Sistemi ta' Għeluq, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29.9.2020, il-verżjoni pubblika għadha mhix disponibbli.

<sup>98</sup> Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt\\_ip\\_20\\_2220](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt_ip_20_2220).

## Kif jaħdem il-ħlas għad-Dewmien?



*4.2. Il-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u saħħaħ is-Suq Uniku*

F'Mejju 2020, il-Qorti Ĝeneralni annullat id-deċiżjoni tal-2016 tal-Kummissjoni li tipprojbixxi l-fużjoni bejn *Hutchinson 3G* u *Telefonica UK*<sup>99</sup>. Il-Kummissjoni kienet sabet li l-fużjoni minn erba' għal tlieta kienet twassal għal żieda fil-prezzijiet u għal restrizzjoni fl-għażla għall-konsumaturi fis-suq tat-telefonija mobbli fir-Renju Unit. Il-Qorti Ĝeneralni kkonfermat li l-Kummissjoni tista' tipprojbixxi konċentrazzjonijiet li ma joħolqux jew ma jsaħħux pożizzjoni dominanti, iżda biss jekk il-fużjoni tkun tista' taffettwa l-kompetizzjoni sa' punt ekwivalenti għall-effett ta' dominanza. Il-Qorti Ĝeneralni kkonstatat li l-Kummissjoni kienet naqset milli turi li l-konċentrazzjoni kienet se telimina restrizzjoni kompetitiva importanti, u b'hekk twassal għal impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva. Il-Kummissjoni appellat is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

F'Novembru 2020, il-Kummissjoni approvat, soġġetta għal impenji, l-akkwiżizzjoni proposta ta' Covage minn SFR FTTH, kumpanija kkontrollata b'mod konġunt minn Altice, minn Allianz u minn Omers<sup>100</sup>. SFR FTTH u Covage huma operaturi ewlenin tan-network tal-fibra fi Franzia. Covage tħiġi aċċessi għan-network tal-fibra fil-livell tal-operaturi filwaqt li Altice hija attiva kemm fil-livell tal-operaturi kif ukoll fil-livell tal-bejgħ bl-imnut. Il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni kienet tagħti lid-ditti fużi pożizzjoni b'saħħithha ħafna fis-suq għas-servizzi bl-ingrossa tal-FTTO (fibra sal-uffiċċju). B'rizzultat ta' dan, bejjiegħha bl-imnut

<sup>99</sup> Il-Kawża T-399/16 CK Telecoms UK Investments Ltd vs il-Kummissjoni Ewropea, is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28.5.2020. Ara:

<https://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?oqp=&for=&mat=or&lrec=en&jge=&td=%3BALL&jur=C%2CT%2CF&n=um=T-399%25F16&page=1&dates=&pcs=Oor&lg=&pro=&nat=or&cit=none%25CC%25CCJ%252CR%25C2008E%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252Ctrue%252Cfalse%252Cfalse&lang=eng&avc=&cid=1013852>

<sup>100</sup> JL-Każ-M 9728 Altice/Omers/Allianz/Covage id-Decisioni tal-Kummissioni tas-27.11.2020 Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/jsef/case\\_details.cfm?proc\\_code=2](https://ec.europa.eu/competition/elojade/jsef/case_details.cfm?proc_code=2) M 9728

alternattivi jkollhom anqas fornitori alternattivi. Peress li Covage ssir integrata vertikalment fl-attivitàjet tal-bejgħ bl-imnut ta' SFR, l-entità fuża jkollha kemm il-kapaċitā kif ukoll l-inċentiv li tipprevjeni lill-kompetituri tal-bejgħ bl-imnut milli jaċċessaw il-kapaċitā tal-fibra ta' Covage fil-livell tal-operaturi. SFR offriet li tiddivesti 95 % tan-negozju tal-FTTO ta' Covage u offriet li tikkonkludi ftehim ta' servizz tranżitorju sabiex tippermetti lin-negozju divestit isir kompletament indipendent.

Il-Kummissjoni approvat b'mod kondizzjonal l-akkwist ta' *Fitbit* minn *Google* f'Diċembru 2020<sup>101</sup>. Fitbit tiżviluppa, timmanifattura u tiddistribwixxi smartwatches u fitness trackers. Il-Kummissjoni kellha tħassib li Google setgħet tuża l-bażijiet ta' *data* ta' Fitbit sabiex iżżejj id-data. Google tkun tista' tillimita wkoll l-aċċess tal-kompetituri għall-Interface għall-Programmi tal-Aplikazzjonijiet (API) fuq il-web ta' Fitbit u tpoġġi lill-manifatturi kompetituri ta' apparati li jintibsu fuq l-idejn fi żvanta billi tiddegrada l-interoperabbiltà tagħhom ma' smartphones Android. Sabiex tikseb l-approvazzjoni, Google ħadet impenn li ma tużax id-data ta' Fitbit għar-reklami ta' Google u li żżomm tali *data* separata f'silos tad-data. Google ħadet ukoll impenn li tkompli tippermetti lil partijiet terzi rilevanti jiksbu aċċess għad-data dwar is-saħħa u l-fitness tal-utenti għall-applikazzjonijiet tas-software permezz tal-API fuq il-Web ta' Fitbit mingħajr tariffe u soġġetta għall-kunsens tal-utenti. Il-kumpanija ħadet ukoll impenn li tkompli tippermetti l-interoperabilità ma' smartphones Android lil apparati kompetituri li jintibsu fuq l-idejn. Fl-aħħar nett, l-impenji jinkludu mekkaniżmu rapidu għas-soluzzjoni tat-tilwim li jista' jiġi invokat minn partijiet terzi.

Fil-provvista ta' fjuwils tal-magni u ta' prodotti relatati, f'Lulju 2020 il-Kummissjoni Ewropea approvat b'mod kondizzjonal l-akkwiżizzjoni ta' *Grupa Lotos* minn *PKN Orlen*, żewġ kumpanji Pollakki kbar taż-żejt u tal-gass integrati<sup>102</sup>. Il-Kummissjoni kellha tħassib li t-tranżazzjoni, kif innotifikata inizjalment, kienet ta' ħsara għall-kompetizzjoni għall-fjuwils tal-magni fil-Polonja, għall-fjuwil tal-ġettijiet fil-Polonja u fir-Repubblika Ċeka u għal prodotti relatati bħal tipi differenti ta' bitum fil-Polonja. PKN Orlen offriet pakkett ta' divestiment u impenji oħra. Il-pakkett kien jinkludi divestimenti ta' sehem f'raffinerja, ta' depoži ta' ħżin, ta' stazzjonijiet tal-fjuwil bl-imnut u ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-bitum. Il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn ir-rimedji jkunu jippermettu lill-kompetituri jikkompetu b'mod effettiv mal-entità fuża.

Fis-settur tat-trasport bil-ferrovija, il-Kummissjoni approvat b'mod kondizzjonal l-akkwiżizzjoni minn *Alstom* ta' *Bombardier Transportation*, f'Lulju 2020<sup>103</sup>. Alstom u Bombardier huma mexxejja globali fit-trasport bil-ferrovija u jikkompetu fil-manifattura u fil-provvista ta' ferroviji b'veloċitā għolja ħafna (“rolling stock b'veloċitā għolja ħafna”) u soluzzjonijiet ta' sinjalar għall-ferroviji. Il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tranżazzjoni kienet tqajjem tħassib serju dwar il-kompetizzjoni. Alstom kienet issir il-mexxej tas-suq mhux

<sup>101</sup> Il-Każ M.9660 Google/Fitbit, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17.12.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=2\\_M\\_9660](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_9660).

<sup>102</sup> Il-Każ M.9014 PKN Orlen/Grupa Lotos, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14.7.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=2\\_M\\_9014](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_9014).

<sup>103</sup> Il-Każ M.9779 Alstom/Bombardier Transportation, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31.7.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=2\\_M\\_9779](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_9779).

ikkontestat fir-rolling stock b'veloċità għolja ħafna u f'rolling stock tal-linji ewlenin kif ukoll fis-sinjalar tal-linji ewlenin. Il-Kummissjoni aċċettat pakkett komprensiv ta' impenji offrut mid-ditti fil-fużjoni, li ddivestew pjattaformi tal-ferroviji u faċilitajiet tal-produzzjoni għar-rolling stock b'veloċità għolja ħafna u għar-rolling stock tal-linji ewlenin. Alstom u Bombardier offrew ukoll li jiipprovd lill-kompetituri tas-sinjalar unitajiet abbord legati, informazzjoni meħtieġa għall-interfaċċi u appoġġ.

## **Il-fużjoni Fiat Chrysler / Peugeot**

Fis-settur tal-karozzi, il-Kummissjoni approvat, wara investigazzjoni fil-fond u soġġetta għal kundizzjonijiet, il-fużjoni bejn Fiat Chrysler Automobiles (FCA) u Peugeot SA (PSA)<sup>104</sup>. It-tranżazzjoni ħolqot ir-raba' l-akbar grupp tal-karozzi tad-dinja, imsejjaħ Stellantis. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-fużjoni kienet ta' ħsara għall-kompetizzjoni fis-suq għall-vetturi kummerċjali ħief żgħar (LCVs) f'diversi Stati Membri. Id-ditti fil-fużjoni ħadu impenn li jestendu l-ftehim ta' kooperazzjoni attwali bejn PSA u Toyota għal LCVs żgħar. PSA tiproduċi vetturi ta' Toyota għall-bejgħ fl-UE. Il-ftehim estiż se jżid il-kapaċità tal-produzzjoni disponibbli għal Toyota u l-prezzijiet tat-trasferiment se jitnaqqsu għall-vetturi u għall-ispare parts u għall-aċċessorji assoċjati. Dawn il-miżuri jippermettu lil Toyota tikkompeti b'mod effettiv ma' Stellantis u tespandi fis-suq tal-UE għal LCVs żgħar. Barra minn hekk, FCA u PSA qablu li jemendaw il-ftehimiet dwar it-tiswija u l-manutenzjoni konklużi man-networks ta' tiswija tagħhom. Se jiġi ffaċilitat l-aċċess għan-networks ta' tiswija, b'tali mod li l-kompetituri u min jidħol ġdid ikunu jistgħu jikkompetu fis-suq għal LCVs żgħar.

### *4.3. L-ghajjnuna mill-Istat iffaċilitat it-tranżizzjoni digħiġi u s-salvagwardja tas-Suq Uniku*

L-infrastruttura tal-broadband li tissodisfa l-ħtiġijiet għal veloċitajiet, għal kapaċitajiet u għal kwalità digħiġi għoljin ħafna hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-konnettività tal-UE għall-2025 stabbiliti fl-Istrateġja Digiitali<sup>105</sup>. L-ghajjnuna mill-Istat tikkontribwixxi għattnedja ta' networks tal-broadband bi prestazzjoni għolja fl-UE fl-indirizzar tal-fallimenti tas-suq, jiġifieri sitwazzjonijiet u żoni fejn ma hemm l-ebda incenċiv għall-operaturi kummerċjali sabiex jipprovdu kopertura suffiċjenti tal-broadband.

F'Awwissu 2020, il-Kummissjoni approvat skema ta' vawċers ta' EUR 200 miljun sabiex tgħin lill-familji b'introjtu baxx fl-Italja jaċċessaw servizzi tal-broadband b'veloċità għolja<sup>106</sup>. L-iskema ta' għajjnuna mill-Istat se tnaqqas id-distakk digħiġi fl-Italja filwaqt li tillimita d-distorsjonijiet possibbli tal-kompetizzjoni. F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni approvat ukoll skema ta' vawċers ta' EUR 20 miljun sabiex tgħin lill-istudenti fil-Greċja jaċċessaw servizzi tal-broadband u jibbenifikaw minn apprendiment mill-boġħod online<sup>107</sup>.

Il-Kummissjoni approvat, skont ir-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat, skema Ġermaniża sabiex tappoġġa t-trnedja ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna fil-Ġermanja<sup>108</sup>. L-iskema għandha l-għan li tiżviluppa infrastruttura ġdida ta' konnettività b'kapaċità għolja u ffinanzjata pubblikament li se twassal internet aktar veloċi għall-unitajiet domestiċi, għall-kumpaniji u għall-istituzzjonijiet pubbliċi fil-Ġermanja. Il-Ġermanja se tagħti prijorità lill-

<sup>104</sup> Il-Każ M.9730 FCA/PSA, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21.12.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=2\\_M\\_9730](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_9730).

<sup>105</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa, 19.2.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020\\_en\\_4.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020_en_4.pdf).

<sup>106</sup> Il-Każ SA.57495, l-Italja – Vawċers tal-broadband għal ċerti kategoriji ta' familji, COM(2020) 5269 final, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4.8.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases1/202037/286902\\_2187163\\_119\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases1/202037/286902_2187163_119_2.pdf).

<sup>107</sup> Il-Każ SA.57357, il-Greċja – Skema ta' vawċers tal-broadband għall-istudenti, COM(2020) 8441 final, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3.12.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases1/20212/288333\\_2230042\\_140\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases1/20212/288333_2230042_140_2.pdf).

<sup>108</sup> Il-Każ SA.52732, il-Ġermanja – Skema nazzjonali ta' gigabit, COM(2020) 7859 final, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13.11.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases1/202048/288295\\_2213478\\_121\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases1/202048/288295_2213478_121_2.pdf).

unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għal veloċitajiet ta' anqas minn 100 Megabit fis-sekonda sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk diġitali bejn iż-żoni rurali u urbani fil-Ġermanja. Skont l-iskema, il-Ġermanja għandha l-ġhan li tagħmel in-networks Gigabit disponibbli għaċ-ċittadini kollha sa tniem l-2025.

## 5. Kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika

L-UE għandha ambizzjoni soda li tindirizza t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali u li tmexxi 'l quddiem il-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija għat-tkabbir tal-Ewropa. L-innovazzjoni ekoloġika ma hijiex biss fil-qalba tal-ambizzjoni politika tal-UE, iżda hija riflessa wkoll fil-proposti regolatorji u fil-prioritajiet ta' finanzjament tagħha. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tinsab fpożżjoni tajba sabiex tikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali u għall-miri klimatiċi tal-UE, li jinkludu d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-bidla fis-settur tat-trasport minn fjuwils fossili niġgħiesa għal fjuwils alternativi f'konformità mal-politika tal-Kummissjoni dwar il-mobilità.

F'dan il-kuntest, f'Ottubru 2020, il-Kummissjoni ħarġet sejħa għal kontribuzzjonijiet dwar kif ir-regoli tal-kompetizzjoni u l-politiki dwar is-sostenibbiltà jaħdmu flimkien<sup>109</sup>. Il-Kummissjoni stiednet lil diversi partijiet ikkonċernati, li inkludew esperti tal-kompetizzjoni, akkademiċi, l-industrija, gruppi ambjentali u organizzazzjonijiet tal-konsumatur sabiex jipprovdu l-fehmiet u l-kontribut tagħhom dwar kif il-politika dwar l-antitrust, il-politika dwar il-fużjonijiet u l-politika dwar l-għajnuna mill-Istat jaħdmu flimkien mal-politiki ambjentali u klimatiċi. Il-kontribuzzjonijiet ġew inklużi f'konferenza li saret fi Frar 2021. Rapport dwar ir-riflessjonijiet mill-proċess ta' konsultazzjoni huwa skedat għal nofs l-2021.

### 5.1. Ghajjnuna mill-Istat li tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika

Fil-qasam tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni vvalutat u awtorizzat miżuri tal-Istat li jippromwovu l-użu ta' sorsi rinnovabbli, itejbu l-effiċjenza enerġētika, jappoġġaw, fejn neċċessarju, it-tnedija ta' infrastruttura ta' mobilità mingħajr emissjonijiet/b'emissjonijiet baxxi, jistimolaw id-domanda għal vetturi b'emissjonijiet żero/baxxi għat-trasport pubbliku u privat, u t-naqqis tas-CO<sub>2</sub> u ta' emissjonijiet oħrajn (inklużi miżuri ta' dekarbonizzazzjoni) jew it-titjib taċ-ċirkolarità.

F'Lulju 2020, il-Kummissjoni approvat skema sabiex tappoġġa l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fl-Irlanda, l-Iskema ta' Appoġġ għall-Elettriku Rinnovabbli (RESS)<sup>110</sup>. L-RESS se tgħin lill-Irlanda tilħaq il-mira nazzjonali tagħha li titbiegħed mill-fjuwils fossili u tilħaq sehem ta' 70 % ta' sorsi rinnovabbli fit-taħlita tal-elettriku tagħha sal-2030. Il-Kummissjoni sabet li l-għajnuna hija neċċessarja, għandha effett ta' inċentiv u hija proporzjonata u limitata għall-minnu neċċessarju, peress li l-ammont tal-għajnuna se jiġi stabbilit permezz ta' rkantijiet kompetittivi. Il-każ juri wkoll kif għandhom jiġu appoġġati

<sup>109</sup> Il-Politika tal-Kompetizzjoni b'sostenn għall-Patt Ekoloġiku – Sejħa għal kontribuzzjonijiet, il-memorandum tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/information/green\\_deal/call\\_for\\_contributions\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/competition/information/green_deal/call_for_contributions_mt.pdf)

<sup>110</sup> Il-Każ SA.54683 Appoġġ għall-elettriku RES fl-Irlanda, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20.7.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_54683](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_54683).

proġetti żviluppati minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbi u għal komunitajiet li jospitaw proġetti appoġġati mill-RESS f'konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpens ta' EUR 52,5 miljun mogħti min-Netherlands għall-għeluq bikri tal-impjant tal-enerġija tal-faħam Hemweg kien allinjal mar-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat<sup>111</sup>. Il-miżura se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub> mingħajr ma tfixkel bla bżonn il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku. Il-Kummissjoni waslet għal deċiżjoni simili fir-rigward tal-kumpensi għall-għeluq bikri ta' impjanti mħaddma bil-faħam fil-Ġermanja<sup>112</sup>.

F'Novembru 2020, il-Kummissjoni approvat skema Rumena sabiex tappoġġa l-kostruzzjoni u/jew l-aġġornament ta' sistemi ta' tisħin distrettwali, ibbażata esklussivament fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbi<sup>113</sup>. Il-miżura se tippermetti bidla mill-produzzjoni tal-enerġija mill-fjuwils fossili għall-produzzjoni tas-ṣħana minn sorsi ta' enerġija rinnovabbi. Ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat jippermettu lill-Istati Membri jappoġġaw il-ġenerazzjoni u ddistribuzzjoni tat-tisħin distrettwali, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u l-enerġija. Il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ippubblikat mill-Kummissjoni f'Jannar 2020 jippermetti lill-Istati Membri jżidu l-ammont massimu ta' appoġġ għall-ġenerazzjoni tat-tisħin distrettwali.

F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni approvat skema Nederlandiża ta' EUR 30 biljun sabiex tappoġġa proġetti li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fin-Netherlands<sup>114</sup>. L-iskema (Stimuleren Duurzame Energieproductie (SDE++)) se tikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali tal-UE mingħajr ma tfixkel il-kompetizzjoni bla bżonn. Din l-iskema innovattiva se tkun miftuħa għal proġetti bbażati fuq diversi teknoloġiji (elettriku, gass u šħana rinnovabbi, l-użu ta' šħana mill-iskart industrijali u tal-pompi tas-ħ�ana, l-elettrifikazzjoni tal-proċessi tas-ħ�ana industrijali u l-elettrifikazzjoni tal-produzzjoni tal-idroġenu, u l-qbid u l-ħażin tal-karbonju għall-proċessi industrijali, inklużi l-produzzjoni tal-idroġenu u l-inċinerazzjoni tal-iskart), li jagħmlu offerti għal appoġġ fuq il-bażi ta' tunnellati ta' emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> imma qqa meta mqabbla ma' xenarju bażi.

### **It-tieni proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEI) dwar il-batteriji**

Matul l-2020 saru diskussionijiet bejn 12-il Stat Membru u l-Kummissjoni għat-tieni IPCEI dwar il-katina tal-valur tal-batterji. F'Diċembru 2020, l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, il-Finlandja, Franzja, il-Ġermanja, il-Greċċja, l-Italja, il-Polonja, is-Slovakkja, Spanja u l-Iżveżja nnotifikaw b'mod konġunt it-tieni IPCEI dwar il-batterji għall-mobilità elettronika u għall-ħażin tal-enerġija. Il-proġett, imsejjaħ

<sup>111</sup> Il-Każ SA.54537, in-Netherlands – Projbizzjoni tal-faħam għall-produzzjoni tal-elettriku fin-Netherlands, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12.5.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/2020/284556\\_2165085\\_151\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/2020/284556_2165085_151_2.pdf).

<sup>112</sup> Il-Każ SA.58181, Il-mekkaniżmu tas-sejħa għall-offerti għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam fil-Ġermanja, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25.11.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_20\\_2208](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_2208).

<sup>113</sup> Il-Każ SA.55433, ir-Rumanja – Proġetti ta' Tisħin distrettwali minn RES, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6.11.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/2021/287759\\_2235900\\_143\\_2.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/2021/287759_2235900_143_2.pdf).

<sup>114</sup> Il-Każ SA.53525, in-Netherlands – Skema SDE++ għal proġetti għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, inklużi l-enerġija rinnovabbi, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14.12.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_53525](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_53525).

Innovazzjoni Ewropea fil-Batteriji, se jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fil-katina tal-valur tal-batteriji. It-tħażx-il Stat Membru se jipprovdu sa EUR 2,9 biljun f'finanzjament fis-snin li ġejjin. Il-finanzjament pubbliku huwa mistenni li jikseb EUR 9 biljun addizzjonali f'investimenti privati. Il-proġett jikkomplementa l-ewwel IPCEI fil-katina tal-valur tal-batteriji li l-Kummissjoni approvat f'Diċembru 2019. Il-proġett huwa konsistenti mal-politiki tal-Kummissjoni ta' tbegħid mill-użu ta' fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent favur teknoloġiji ta' fjuwils alternattivi u t-tranżizzjoni doppja tal-ekonomija tal-UE skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġja Digidali<sup>115</sup>. F'Jannar 2021, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tawtorizza dan l-IPCEI<sup>116</sup>.

Matul l-2020, id-diskussjonijiet komplew bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija għal IPCEIs ġodda possibbli fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-idroġenu, tal-industriji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, tal-mikroelektronika u tal-batteriji.

### *5.2. L-infurzar tal-antitrust u l-kontroll tal-fużjonijiet jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika*

L-infurzar tal-antitrust jiġi jista' jkollu fil-mira mhux biss l-imġiba tal-kumpaniji li potenzjalment ikollha l-ġhan li tillimita l-kompetizzjoni fl-żvilupp ta' teknoloġiji nodfa iż-żda wkoll li jiskoragħixxi mgħiba mmirata sabiex teskludi l-aċċess għal infrastrutturi essenzjali jew għall-fluss liberu ta' riżorsi li huma neċċesarji għall-ekonomija ċirkolari u għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tagħha kontra BMW, Daimler u VW (Volkswagen, Audi, u Porche) għal restrizzjoni suspettata tal-kompetizzjoni fuq it-teknoloġija tat-tindif tal-emissjonijiet<sup>117</sup>.

L-azzjoni ta' infurzar tal-antitrust jiġi jkollha rwol ukoll fl-appoġġ tal-objettiv tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' żvilupp ta' settur tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri kompetitiv u attrenti. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni kompliet bl-investigazzjoni tagħha li kienu għaddejjin<sup>118</sup>. Fil-każ tas-Sistema Ferrovjarja Ċeka, l-operatur ferrovjarju eżistenti České dráhy (ČD) huwa suspettat bi pprezzar predatorju fuq ir-rotta ferrovjarja tal-passiġġieri bejn

<sup>115</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa, 19.2.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020\\_en\\_4.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020_en_4.pdf)

<sup>116</sup> State aid: Commission approves EUR 2,9 billion public support by twelve Member States for a second pan-European research and innovation project along the entire battery value chain, stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tas-26.1.2021. Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_21\\_226](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_226). Il-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni se ssir disponibbli taħt il-każ numri SA.55855 (l-Awstrija), SA.55840 (il-Belġju), SA.55844 (il-Kroazja), SA.55846 (il-Finlandja), SA.55858 (Franza), SA.55831 (il-Ġermanja), SA.56665 (il-Greċċa), SA.55813 (l-Italja), SA.55859 (il-Polonja), SA.55819 (is-Slovakkja), SA.55896 (Spanja), u SA.55854 (l-Iżvejja) fir-Reġistru għall-għajnuna mill-Istat fuq is-sit web tal-kompetizzjoni. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/register/](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/register/).

<sup>117</sup> Il-Każ A.T.40178, Emissjonijiet ta' karozzi, Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2019, Ara:

[https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_19\\_2008](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_19_2008)

<sup>118</sup> Il-Kummissjoni se tkompli bl-investigazzjoni tagħha dwar l-antitrust, inkluż f'każ li jikkonċerna l-ipprezzar predatorju suspettat fuq ir-rotta ferrovjarja tal-passiġġieri bejn Praga u Ostrava, li hija s-sinsla tan-network ferrovjarju Ċek.

Praga u Ostrava, is-sinsla tan-network ferrovjarju Ċek. F'Ottubru 2020, il-Kummissjoni bagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil České dráhy<sup>119</sup>.

## 6. Ekonomija għas-servizz tan-nies – kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għal unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda u aktar ġusta

L-ekonomija soċjali tas-suq hija pedament li fuqha hija mibnija l-UE u l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE ssostniha. L-individwi u n-negozji jirnexxu meta l-ekonomija taħdem għalihom. Fl-2020, il-Kummissjoni appoġġat din l-ambizzjoni ewlenja tal-Kummissjoni billi ppromwoviet narrattiva favur il-kompetizzjoni, b'kundizzjonijiet ekwi u diġitali fl-azzjonijiet immirati lejn l-implementazzjoni tal-pakkett ta' rkupru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, tal-Unjoni Bankarja, u tat-tassazzjoni effettiva<sup>120</sup>.

### 6.1. Żgurar tas-sostenibbiltà fis-settur bankarju

Fl-2020, ma kien hemm l-ebda każ individwali ġdid ta' ghajjnuna mill-Istat lil istituzzjonijiet finanzjarji. Madankollu, il-Kummissjoni awtorizzat l-estensjoni ta' skemi digħi eżistenti li taħthom l-Istat Membri jistgħu jassistu, jekk tinqala' l-ħtieġa f'każ konkret, il-ħruġ ornat mis-suq ta' istituzzjonijiet finanzjarji żgħar ħafna jew ta' unjonijiet tal-kreditu f'diffikultà. Il-Kummissjoni approvat skemi bħal dawn fil-Polonja, fl-Italja u fl-Irlanda<sup>121</sup>. Il-Kummissjoni approvat ukoll skemi ta' appoġġ tal-likwidità għal banek vijabbi bi problemi temporanji ta' likwidità, jekk tinqala' l-ħtieġa f'każ konkret, fil-Greċċa u fl-Italja<sup>122</sup>.

L-Istati Membri komplew jippromwovu l-ħolqien jew l-espansjoni ta' banek tal-iżvilupp. Minn perspektiva tal-għajnuna mill-Istat, il-banek tal-iżvilupp iffianżjati pubblikament

<sup>119</sup> Il-Każ AT.40156, is-Sistema Ferrovjarja Ċeka. Il-Kummissjoni bagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil České dráhy għal allegat ipprezzar predatorju, Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_20\\_2017](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_2017)

<sup>120</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u biex it-tassazzjoni ssir sempliċi u faċi (it-Tieni Trimestru tal-2020) inkluż fil-Programm ta' Ħidma Aġġustat tal-Kummissjoni 2020 COM(2020) 440 final, l-Annessi 1 u 2, 27.5.2020.

<sup>121</sup> Il-Każ SA.58389, Il-ħames estensjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għall-banek kooperattivi u għall-banek kummerċjali żgħar, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29.10.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_58389](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_58389); Il-Każ SA.56635, L-ġħaxar estensjoni tal-Iskema ta' Likwidazzjoni Ordnata tal-Unjonijiet tal-Kreditu, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8.6.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_56635](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_56635); Il-Każ SA.57053, Il-11-il estensjoni tal-iskema ta' ristrutturar u ta' stabbilizzazzjoni tal-Unjonijiet tal-Kreditu, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8.5.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57053](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57053); Il-Każ SA.58819, It-12-il estensjoni tal-iskema ta' ristrutturar u ta' stabbilizzazzjoni tal-Unjonijiet tal-Kreditu, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30.10.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_58819](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_58819); Il-Każ SA.57378, Is-16-il estensjoni tal-Iskema ta' Riżoluzzjoni tal-Unjonijiet tal-Kreditu 2020-2021, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12.6.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57378](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57378); Il-Każ SA.57516, Skema Taljana ta' likwidazzjoni ordnata għal banek żgħar. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp\\_result&policy\\_area\\_id=3](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result&policy_area_id=3)

<sup>122</sup> Il-Każ SA.57262, Estensjoni tal-Iskema Griega ta' Garanzija tal-Gvern għall-Banek 01.06.2020-30.11.2020 (l-Art. 2 tal-Liġi 3723/2008), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16.6.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57262](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57262); Il-Każ SA.57515 COVID-19 – Skema Taljana ta' appoġġ għal-likwidità tal-banek, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10.11.2020. Ara:

[https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_57515](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_57515).

jistgħu jkunu attiv skont mandat definit sew li jindirizza l-fallimenti tas-suq u dment li ma jeskludux istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali. Fl-2020, il-Kummissjoni approvat finanzjament għal Invest International, istituzzjoni ġdida tal-finanzi għall-iżvilupp fin-Netherlands<sup>123</sup>. Il-Kummissjoni awtorizzat ukoll finanzjament għall-istabbiliment ta' Scottish National Investment Bank<sup>124</sup>. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni approvat it-twaqqif ta' bank nazzjonali ġdid għall-iżvilupp fil-Portugall, Banco Português de Fomento<sup>125</sup>. Matul is-sena 2020, l-iskemi ta' ebda għajnuna komplew japplikaw fl-Italja (“GACS”) u fil-Greċja (“Hercules”), li ġew introdotti sabiex jindirizzaw il-kwistjoni storika ta' livelli għoljin ta' self improduttiv (NPLs). Dawn l-iskemi huma eżempji ta' suċċess ta' kif l-Istati Membri jistgħu jgħinu lill-banek ikabbru l-karti bilanċjali tagħhom mingħajr ma jagħtu għajnuna jew ifixklu l-kompetizzjoni.

## *6.2. Teħid ta' azzjoni kontra benefiċċi selettivi fuq it-taxxa*

Il-ġlied kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa hija fuq quddiem nett fl-aġenda tal-Kummissjoni. Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tal-allegata għajnuna mill-Istat mogħtija min-Netherlands lil Inter IKEA, lil Starbucks u lil Nike; dwar l-allegata għajnuna mogħtija mil-Lussemburgu lil Huhtamäki; u dwar l-allegata għajnuna mogħtija mill-Belġju lil 39 beneficijarju ta' għajnuna individwali tal-iskema Belgħana ta' qligħ eċċessiv.

F'Lulju 2020, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2016, li fiha l-Kummissjoni sabet li żewġ deċiżjonijiet tat-taxxa Irlandiżi favur *Apple*, kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat li l-Kummissjoni ma wrietz sal-istandard legali meħtieġ li *Apple* kienet ingħatat vantaġġ ekonomiku selettiv<sup>126</sup>. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma wrietz bil-provi li d-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati kienu r-riżultat tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-awtoritatiet tat-taxxa Irlandiżi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex turi żbalji metodoloġiċi fid-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati li kienu jwasslu għal tnaqqis fil-profitti taxxabbli ta' *Apple* fl-Irlanda. Il-Kummissjoni appellat is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja<sup>127</sup>.

## *7. Ngħaqqu l-forzi fit-trawwim ta' kultura ta' kompetizzjoni Ewropea u globali*

### *7.1. Kooperazzjoni mal-awtoritatiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni*

<sup>123</sup> Il-Każ SA.55465 Invest International, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29.5.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_55465](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_55465).

<sup>124</sup> Il-Każ SA.54780 Scottish National Investment Bank, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5.11.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_54780](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_54780).

<sup>125</sup> Il-Każ SA.55719, Banco Português de Fomento, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4.8.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case\\_details.cfm?proc\\_code=3\\_SA\\_55719](https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_55719).

<sup>126</sup> Il-Kawżi T- 778/16 u T- 892/16, Għajnuna mill-Istat – Għajnuna implimentata mill-Irlanda – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u li tordna l-irkupru tagħha – Deċiżjonijiet dwar it-taxxa (tax rulings) – Vantaġġi fiskali selettivi – Princípjju ta' distakkament), is-sentenzi tal-15.7.2020. Ara: <http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=228621&doclang=mt>.

<sup>127</sup> Statement by Executive Vice-President Margrethe Vestager on the Commission's decision to appeal the General Court's judgment on the Apple tax State aid case in Ireland, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-25.9.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/STATEMENT\\_20\\_1746](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/STATEMENT_20_1746).

Fl-2020, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE komplew jikkooperaw u jiżguraw l-applikazzjoni koerenti tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE permezz tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK)<sup>128</sup>. L-objettiv tan-NEK huwa li jibni qafas legali effettiv sabiex jiġi infurzat id-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE kontra kumpaniji li jinvolvu ruħhom fi prattiki kummerċjali transfruntieri li jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

Fl-2020, tnedew 139 investigazzjoni ġdida fi ħdan in-network u ġew sottomessi 97 deċiżjoni prevista. Dawn iċ-ċifri jinkludu l-investigazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, rispettivament. Minbarra dawn il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti fir-Regolament 1/2003, linji ta' ħidma oħrajn ta' kooperazzjoni fin-NEK jiggarrantixxu wkoll infurzar koerenti tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE. In-network jiľtaqa' regolarment sabiex jiddiskuti każiġiet fl-istadji bikrin, kwistjonijiet ta' politika, kif ukoll kwistjonijiet ta' importanza strateġika. Fl-2020, ġew organizzati 24 laqgħa bejn il-gruppi ta' ħidma orizzontali u s-sottogruppi spċċifici għas-setturi, fejn l-uffiċjali mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-UE skambjaw il-fehmiet tagħhom. Kif deskrirt fit-Taqsima 2.2. aktar 'il fuq, in-NEK ħareġ dikjarazzjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-antitrust matul il-kriżi tal-COVID-19 u kkoopera mill-qrib fi kwistjonijiet tal-kompetizzjoni relatati mal-COVID-19.

Fl-2020, il-Kummissjoni mmonitorjat u għenet lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom fl-inkorporazzjoni tad-Direttiva dwar in-NEK+ fil-liġi nazzjonali sal-4 ta' Frar 2021<sup>129</sup>. Id-Direttiva se tiżgura li meta japplikaw l-istess dispożizzjonijiet legali – ir-regoli tal-UE dwar l-antitrust – l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jkollhom l-għodod ta' infurzar effettivi u r-riżorsi necessary sabiex isibu u jissanzjonaw il-kumpaniji li jiksru l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE. Se tiżgura wkoll li dawn ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'indipendenza shiħha, fuq il-bażi tal-fatti u tal-liġi.

## *7.2. Inizjattiva ta' politika ġdida sabiex issaħħaħ is-sett ta' għodod tal-Kummissjoni kunteż globali*

L-ekonomija tal-Ewropa hija miftuħa u interkonnessa mill-qrib mal-bqja tad-dinja. Sabiex tibqa' b'saħħitha, l-UE teħtieġ l-għodod it-tajbin sabiex tiżgura ambjent tan-negożju ġust fis-Suq Uniku. Is-sussidji mogħtijin mill-Istati Membri dejjem kienu soġġetti għal regoli stretti tal-UE dwar l-għajnejha mill-Istat. Madankollu, jidher li s-sussidji mogħtijin minn gvernijiet barra mill-UE lil kumpaniji attivi fl-UE qeqħdin iħallu impatt ta' distorsjoni dejjem akbar fuq is-suq intern, iżda dawn jaqgħu barra mill-kontroll tal-UE tal-għajnejha mill-Istat.

Sabiex tniedi dibattitu dwar għodod ġodda bl-ġhan li tiġi indirizzata din il-lakuna regolatorja, f-Ġunju 2020 il-Kummissjoni adottat [White Paper dwar is-sussidji barranin](#)<sup>130</sup>. Fl-2020

<sup>128</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-Network tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni, ĠU C 101, 27.4.2004, p. 43-53 u ĠU C 374, 13.10.2016, p. 10. Ara:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/ALL/?uri=CELEX%3A52004XC0427%2802%29>.

<sup>129</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ĠU L 11, 14.1.2019, p. 3-33.

<sup>130</sup> White Paper dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin, COM(2020) 253 final, 17.6.2020.

twettqet konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati. Fl-2021 il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin.

### **White Paper dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin**

Il-White Paper tiproponi diversi għażiex sabiex tīgħi indirizzata l-lakuna regolatorja eżistenti:

**Il-Modulu 1** jipproponi l-ħolqien ta' strument ġenerali għall-iskrutinju tas-suq li jaqbad is-sitwazzjonijiet kollha possibbi fis-suq li fihom is-sussidji barranin jistgħu jikkawżaw distorsjonijiet fis-Suq Uniku. L-awtorità superviżorja proposta tista' taġixxi fuq kwalunkwe indikazzjoni jew informazzjoni li kumpanija attiva fl-UE tibbenfika minn sussidju barrani u timponi miżuri sabiex jiġi rrimedjat l-impatt distorsiv probabbli, bħal pagamenti ta' rimedju u rimedji strutturali jew fl-imġiba. Minkejja dan, tista' tqis ukoll li l-attività jew l-investimenti li jiġi ssussidjat ikollu impatt pożittiv li jkun jiśboq id-distorsjoni, u b'hekk ma tkomplix l-investigazzjoni (l-“Eżami ta’ Interess tal-UE”).

**Il-Modulu 2** għandu l-għan li jiġura li s-sussidji barranin ma jagħtux beneficiċju inġust lill-benefiċjarji tagħhom meta jakkwistaw (ishma f') kumpaniji tal-UE. Il-kumpaniji li jibbenfikaw minn appoġġ finanzjarju ta' gvern mhux fl-UE jkollhom jinnotifikaw lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar kull kumpanija fl-UE li jakkwistaw, ’il fuq minn ċertu limitu. Tista' jew taċċetta impenji mill-parti notifikanti li jirrimedjaw b'mod effettiv id-distorsjoni jew tiprojbx xi l-akkwiżizzjoni.

**Il-Modulu 3** tal-White Paper jipproponi mekkaniżmu li bih l-offerenti fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku jkollhom jinnotifikaw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji riċevuti minn pajjiżi mhux tal-UE. Imbagħad, l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw jekk hemmx sussidju barrani u jekk dan ifixkilx l-għoti tal-akkwiżist pubbliku. F'każ bħal dan, l-offerent jista' jiġi eskluż mill-proċedura ta' akkwist.

### *7.3. Kooperazzjoni multilaterali u bilaterali madwar id-dinja*

Il-Kummissjoni kompliet iżżomm kooperazzjoni internazzjonali attiva<sup>131</sup> fil-qasam tal-kompetizzjoni, kemm fil-livell multilaterali kif ukoll f'dak bilaterali, minkejja r-restrizzjoni jiet tal-pandemja.

L-UE temmen bis-sħiħ fis-saħħha u fil-valur tal-kooperazzjoni u wkoll fir-riforma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni Dinjja tal-Kummerċ (WTO) u organizzazzjonijiet multilaterali oħrajn sabiex ikunu adattati għad-din ja tal-lum. Ir-riforma tar-regoli dwar is-sussidju hija waħda mill-prioritajiet ewlenin tal-UE għall-modernizzazzjoni tar-regoli kummerċjali tad-WTO. Għal dan l-għan, l-UE, l-Istati Uniti u l-Ġappun qablu f'dikjarazzjoni komuni f'Jannar 2020 sabiex isaħħu r-regoli eżistenti dwar is-sussidji industrijali<sup>132</sup>. Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet tinvolti ruħha b'mod attiv f'fora internazzjonali relatati mal-kompetizzjoni bħall-Kumitat għall-Kompetizzjoni tal-OECD, in-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni (ICN), il-Bank Dinji u l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD).

Fl-2020, kien applikabbli l-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit<sup>133</sup>, inkluż id-dispożizzjoni jiet għall-każjiet relatati mal-għajnejha mill-Istat u mal-kompetizzjoni.

<sup>131</sup> Ara l-Ittra ta' missjoni [https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/com-cwt2019/files/commissioner\\_mission\\_letters/mission-letter-margrethe-vestager\\_2019\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/com-cwt2019/files/commissioner_mission_letters/mission-letter-margrethe-vestager_2019_en.pdf).

<sup>132</sup> Joint Statement of the Trilateral Meeting of the Trade Ministers of Japan, the United States and the European Union, 14.1.2020. Ara: [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/january/tradoc\\_158567.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/january/tradoc_158567.pdf)

<sup>133</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

Il-Kummissjoni ħarġet gwida dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fi kwistjonijiet relatati mal-kompetizzjoni<sup>134</sup>. F'Diċembru 2020, ġew iſſinalizzati n-negożjati dwar il-Ftehim ta' Kummerċ u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (TCA)<sup>135</sup>. Il-ftehim jaapplika b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2021. Dan jinkludi kapitoli komprensivi dwar il-kompetizzjoni u s-sussidji li jiżguraw li l-kompetizzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit ma tiġix distorta wara li r-Renju Unit ikun ħareġ mill-UE.

F'Diċembru 2020, l-UE u ċ-Ċina kkonkludew fil-prinċipju n-negożjati għal Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI)<sup>136</sup>. Iċ-Ċina ħadet impenn favur livell akbar ta' aċċess għas-suq għall-investituri tal-UE, inklużi xi opportunitajiet importanti ġodda fis-suq. Iċ-Ċina qiegħda wkoll timpenja ruħha sabiex tiżgura t-trattament ġust għall-kumpaniji tal-UE, bl-għan li jkunu jistgħu jikkompetu b'kundizzjonijiet ekwi aħjar fiċ-Ċina, inkluż fir-rigward tad-dixxipli għall-intrapriżi tal-istat, tat-trasparenza tas-sussidji u tar-regoli kontra t-trasferiment furzat tat-teknoloġiji.

Meta tinnegozja Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs), il-Kummissjoni tieħu impenn li tinkludi kapitoli komprensivi dwar il-politika tal-kompetizzjoni u l-kontroll tal-għajnejha mill-Istat. Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet in-negożjati għall-FTA mal-Australja, mal-Azerbaigħan, maċ-Ċili, mal-Indoneżja, ma' New Zealand u mal-Uzbekistan.

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet il-kooperazzjoni teknika tagħha dwar il-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar mas-ħab kummerċiali ewlenin tal-UE. Il-Kummissjoni kompliet ukoll tassisti lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lill-kandidati potenzjali sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti neċċesarji fil-qasam tal-kompetizzjoni għal adejżoni futura mal-UE.

#### *7.4. Żamma ta' dialogu interistituzzjonali regolari u kostruttiv*

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, bir-rwoli spċifici tagħhom fir-rigward taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati Ewropej, huma sħab importanti fid-djalogu dwar il-politika tal-kompetizzjoni. Minkejja l-pandemija, dan id-djalogu kompla b'suċċess matul l-2020 permezz ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni.

F'Settembru 2020, bi tweġiba għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2018 (rapporteur is-Sa Yon-Courtin (Renew/FR)), il-Kummissjoni enfasizzat, fost affarrijiet oħrajn, l-adozzjoni tal-White Paper dwar is-sussidji barranin, riflessjonijiet sabiex jiżdied l-użu tas-sistema ta' riferiment tal-fużjonijiet sabiex jiġu koperti tranżazzjonijiet li bħalissa ma jaqgħux fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tal-UE, u l-ħtieġa għal respons politiku komprensiv għall-pjattaformi diġitali permezz ta' infurzar bis-saħħha kontinwu tar-regoli tal-kompetizzjoni, inkluża r-

<sup>134</sup> Notice to Stakeholders – Withdrawal of the United Kingdom and EU rules in the field of competition, Avviż tal-Kummissjoni tat-2.12.2020. Ara: [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/brexit\\_files/info\\_site/eu-competition-law\\_en\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/brexit_files/info_site/eu-competition-law_en_0.pdf)

<sup>135</sup> Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ĠUL 444, 31.12.2020, p. 14-1462. Ara: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L\\_2020.444.01.0014.01.MLT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_2020.444.01.0014.01.MLT).

<sup>136</sup> EU-China Comprehensive Agreement on Investment – Agreement in Principle, 30.12.2020, Ara: [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/december/tradoc\\_159242.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/december/tradoc_159242.pdf).

regolamentazzjoni *ex ante* possibbli tal-pjattaformi diġitali. Fl-2020, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager għamlet diversi żjarat fl-istituzzjonijiet l-oħrajn, li jinkludu l-Parlament, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.